I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1279/2007

tat-30 ta' Ottubru 2007

li jimponi dazju *anti-dumping* definittiv fuq ċerti ħbula u kejbils tal-ħadid jew ta' l-azzar li joriġinaw mill-Federazzjoni tar-Russja u li jirrevoka miżuri *anti-dumping* fuq importazzjonijiet ta' ċerti ħbula u kejbils tal-ħadid jew ta' l-azzar li joriġinaw mit-Tajlandja u mit-Turkija

IL-KUNSILL ta' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-ħarsien kontra importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi terzi li mhux Membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament Bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 11(2) u 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. **PROĊEDURA**

1. **Miżuri fis-seħħ**

(1) Fit-2 ta' Frar 2001, permezz tar-Regolament Nru 230/2001 [2] (Ir-Regolament proviżorju) il-Kunsill impona miżuri *anti-dumping* proviżorji fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti ħbula u kejbils tal-ħadid jew ta' l-azzar ("SWR") li joriġinaw mir-Repubblika Ċeka, mir-Russja, mit-Tajlandja u mit-Turkija (l-aħħar tliet pajjiżi se jissejħu "il-pajjiżi kkonċernati") Fit-2 ta' Awwissu 2001, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1601/2001 [3] ("ir-Regolament oriġinali"), miżuri *anti-dumping* definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' l-SWR. Il-miżuri imposti fuq l-importazzjonijiet ta' l-SWR li joriġinaw mir-Repubblika Ċeka skadew wara t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004.

(2) Fis-26 ta' Lulju 2001, il-Kummissjoni, permezz tad-Deċiżjoni tagħha Nru 2001/602/KE [4], aċċettat impenji offruti minn esportatur Russu u Tajlandiż b'rabta mal-miżuri *anti-dumping* imsemmija fil-Premessa (1).

(3) Fit-8 ta' Novembru 2005, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1858/2005 [5], il-Kummissjoni imponiet miżuri *anti-dumping* definittivi fuq importazzjonijiet ta' ċerti ħbula u kejbils ta' l-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, l-Afrika t'Isfel u l-Ukraina ("il-proċediment parallel").

2. **Talbiet għar-reviżjoni**

(a) *Verifika temporanja parzjali tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ kontra l-produtturi esportaturi fir-Russja.*

(4) Fl-2004, il-Kummissjoni rċeviet żewġ talbiet għal verifiki temporanji parzjali skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku ("verifiki temporanji"). It-talbiet, limitati fl-ambitu għad-*dumping*, tressqu minn Open Joint Stock Company Cherepovetsky Staleprokatny Zavod ("ChSPZ") u Joint Stock Company Beloretsk Iron & Steel Works ("BMK") rispettivament, it-tnejn li huma produtturi esportaturi ta' l-SWR fir-Russja.

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).
[2] ĠU L 34, 3.2.2001, p. 4. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1274/2003 (ĠU L 180, 18.7.2003, p. 34).
[3] ĠU L 211, 4.8.2001, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 564/2005 (ĠU L 97, 15.4.2005, p. 1).
[4] ĠU L 211, 4.8.2001, p. 47.
[5] ĠU L 299, 16.11.2005, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 121/2006 (ĠU L 22, 26.1.2006, p. 1).

(5) Kif spjegat fl-avviż ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* [1], l-isem ta' ChSPZ inbidel għal Closed Joint Stock Company Severstal-Metiz ("SSM") bħala riżultat ta' żwieġ ma' l-Open Joint Stock Company Orlovsky Staleprokatny Zavod ("OSPAZ") u l-Closed Joint Stock Company Severstal-Metiz. Din il-bidla fl-isem ġiet applikata mill-1 ta' Jannar 2006.

(6) Skond ir-rikorrenti, iċ-ċirkostanzi li fuq il-bażi tagħhom ġew stabbiliti l-miżuri nbidlu u dawn il-bidliet kienu ta' natura dewwiema. Barra minn hekk, iż-żewġ produtturi esportaturi allegaw li l-livelli eżistenti ta' miżuri *anti-dumping* ma kinux jinħtieġu aktar biex inaqqsu d-*dumping*.

(7) Wara li ddeterminat, b'konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li kienet teżisti biżżejjed evidenza għall-bidu ta' żewġ verifiki temporanji, il-Kummissjoni tat bidu għal dawn il-verifiki fl-10 ta' Awwissu 2004 [2].

(b) *Verifika temporanja parzjali tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ kontra l-produtturi esportaturi fit-Turkija*

(8) Wara l-pubblikazzjoni ta' l-avviż ta' skadenza imminenti [3], il-Kummissjoni rċeviet talba fit-28 ta' April 2006 għal verifika temporanja skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku. (riċevuta flimkien ma' talba għal verifika skond l-Artikolu 11(2) ("verifika ta' skadenza") imsemmi fil-Premessa (12) sa (15) hawn taħt).

(9) It-talba tressqet mill-Kumitat ta' Kollegament ta' l-Industriji tal-Wajers u l-Ħbula ta' l-Unjoni Ewropea ("l-EWRIS" jew "ir-rikorrent"), f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw l-ikbar proporzjon, f'dan il-każ iktar minn 50 %, tat-total tal-produzzjoni Komunitarja ta' ċerti ħbula u kejbils tal-ħadid u l-azzar.

(10) L-ambitu tal-verifika temporanja mitluba mir-rikorrent ġiet limitata għal-livell ta' *dumping* minn produttur esportatur wieħed fit-Turkija (li bħalissa ma għandu l-ebda dazju). Skond ir-rikorrent, il-livell tal-miżuri m'għadux suffiċjenti biex jiġi miġġieled id-*dumping* li jagħmel ħsara.

(11) Wara li ddeterminat, b'konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li kienet teżisti biżżejjed evidenza għall-bidu ta' verifika temporanja, il-Kummissjoni tat bidu għal din il-verifika fit-3 ta' Awissu 2006 [4].

(ċ) *Verifika ta' skadenza tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ kontra r-Russja, it-Tajlandja u t-Turkija*

(12) Wara l-pubblikazzjoni ta' avviż ta' skadenza imminenti, il-Kummissjoni rċeviet talba fit-28 ta' April 2006 għal verifika ta' skadenza (riċevuta flimkien mat-talba għal verifika temporanja msemmija fil-Premessa (8) sa (1) hawn fuq).

(13) It-talba tressqet mill-Kumitat ta' Kollegament ta' l-Industriji tal-Wajers u Ħbula ta' l-Unjoni Ewropea ("l-EWRIS" jew "ir-rikorrent"), f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw l-ikbar proporzjon, f'dan il-każ iktar minn 50 %, tat-total tal-produzzjoni Komunitarja ta' ċerti ħbula u kejbils tal-ħadid u l-azzar.

(14) It-talba għal verifika ta' skadenza relatata mal-pajjiżi kollha li bħalissa huma koperti mir-Regolament oriġinali, u li ssejset fuq ir-raġuni li l-iskadenza tal-miżuri probabbli twassal għall-kontinwazzjoni jew rikorrenza tad-*dumping* jew ħsara lill-industrija Komunitarja.

(15) Wara li ddeterminat, b'konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li kienet teżisti biżżejjed evidenza għall-bidu ta' verifika temporanja, il-Kummissjoni tat bidu għal din il-verifika fit-3 ta' Awissu 2006.

(d) *Verifika temporanja parzjali tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ kontra l-produtturi esportaturi fit-Tajlandja*

(16) Il-Kummissjoni rċeviet talba għal verifika temporanja parzjali skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku. It-talba, limitata fl-ambitu għad-*dumping*, tressqet minn Usha Siam Steel Industries Public Company Ltd., produttur esportatur ta' l-SWR fit-Tajlandja.

(17) Skond ir-rikorrent, iċ-ċirkostanzi li fuq il-bażi tagħhom ġew stabbiliti l-miżuri nbidlu u dawn il-bidliet kienu ta' natura dejjiema. Barra minn hekk, iż-żewġ produtturi esportaturi allegaw li l-livelli eżistenti ta' miżuri *anti-dumping* ma kinux jinħtieġu aktar biex inaqqsu d-*dumping*.

(18) Wara li ddeterminat, b'konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li kienet teżisti biżżejjed evidenza għall-bidu ta' verifika temporanja, il-Kummissjoni tat bidu għal din il-verifika fit-22 ta' Marzu 2007 [5].

[1] ĠU C 51, 1.3.2006, p. 2.
[2] ĠU C 202, 10.8.2004, p. 12.
[3] ĠU C 270, 29.10.2005, p. 38.
[4] ĠU C 181, 3.8.2006, p. 15.
[5] ĠU C 66, 22.3.2007, p. 14.

3. **Il-partijiet ikkonċernati mill-investigazzjonijiet**

(19) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-produtturi esportaturi, lir-rappreżentanti tal-pajjiżi esportaturi u lill-produtturi tal-Komunità, lill-utenti u lill-applikant dwar il-bidu tal-verifika ta' skadenza u l-verifiki temporanji parzjali. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jikkomunikaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta fil-limitu taż-żmien stipulat fl-avviż ta' ftuħ. Il-partijiet interessati kollha, li għamlu din it-talba u li wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex kellhom jinstemgħu, ingħataw smigħ.

3.1. *Kampjuni tal-produtturi Komunitarji*

(20) Minħabba li jidher li hemm numru kbir ta' produtturi Komunitarji, tqies xieraq li jiġi eżaminat jekk għandhomx jintużaw il-kampjuni fil-verifika ta' skadenza skond l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku. Biex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk hemmx bżonn ta' l-użu ta' kampjuni u, jekk hu hekk, biex tagħżel kampjun, il-produtturi Komunitarji ntalbu, skond l-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, biex jippreżentaw lilhom infushom fi 15-il ġurnata mill-bidu tal-verifiki relevanti u biex jipprovdu lill-Kummissjoni t-tagħrif mitlub fl-avviż ta' ftuħ.

(21) Wara eżami tat-tagħrif imressaq mis-17-il produttur Komunitarju, tqies li għandhom jintgħażlu ħames kumpaniji għal kampjun fuq il-bażi, b'mod partikolari, tal-volum tal-produzzjoni u l-bejgħ tagħhom tul il-PI (perjodu ta' investigazzjoni). Il-kampjun jikkonsisti millkumpaniji li ġejjin:

— Bridon GmbH, Gelsenkirchen, il-Ġermanja

— Casar Drahtseilwerk Saar GmbH ("Casar"), Saarbrücken, il-Ġermanja

— Wire and Rope Factory Drumet S.A. ("Drumet"), Wloclawek, il-Polonja

— Manuel Rodrigues de Oliveria SA & Filhos S.A. ("Oliveira"), Gemunde, il-Portugall

— Tréfileurope S.A., Bourg-en-Bresse, Franza

3.2. *Kampjuni tal-produtturi Komunitarji*

(22) Fid-dawl ta' l-għadd kbir ta' produtturi Komunitarji (32 importatur imniżżla fl-applikazzjoni), tqies xieraq li jiġi eżaminat jekk għandhomx jintużaw il-kampjuni fil-verifika ta' skadenza skond l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku. Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk hemmx bżonn ta' l-użu ta' kampjuni u, jekk hu hekk, biex tagħżel kampjun, l-importaturi Komunitarji ntalbu, skond l-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, biex jippreżentaw lilhom infushom fi 15-il ġurnata mill-bidu tal-verifiki relevanti u biex jipprovdu lill-Kummissjoni t-tagħrif mitlub fl-avviż ta' ftuħ.

(23) Madankollu, peress li importatur wieħed biss ippreżenta lilu nnifsu billi wieġeb għall-kwestjonarju kampjun, ġie deċiż li f'dan il-każ il-kampjuni ma kinux iġġustifikati.

4. **Kwestjonarji u verifiki**

(24) Għalhekk, il-kwestjonarju ntbagħat lill-produtturi esportaturi magħrufa kollha fil-pajjiżi kkonċernati, lill-importatur imsemmi fil-premessa (23) hawn fuq, lill-produtturi Komunitarji fil-kampjun u lill-utenti.

(25) It-tweġibiet għall-kwestjonarju ġew riċevuti minn

— 2 esportaturi produtturi fil-Federazzjoni Russa għall-bżonnijiet tal-verifika temporanja u waħda għall-verifika ta' skadenza;

— Esportatur produttur 1 fit-Tajlandja u l-importatur relatat tiegħu fir-Renju Unit;

— 2 esportaturi produtturi fit-Turkija,

— Importatur relatat 1 mal-produtturi esportaturi fil-pajjiżi kkonċernati,

— 5 produtturi Komunitarji inklużi fil-kampjun,

— importatur mhux relatat.

(26) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat it-tagħrif kollu li tqies meħtieġ għall-analiżi tagħha, u wettqet żjarat ta' verifika fl-istabbilimenti tal-kumpaniji li ġejjin:

(a) Ir-Russja

— Severstal-Metiz, Cherepovets

— BMK, Beloretsk

(b) It-Tajlandja

— Usha Siam Ltd., Bangkok

(ċ) It-Turkija

— Celik Halat, Izmit-Kocaeli

— Has Çelik ve Halat Sanayi Ticaret A.S. ("Has Celik"), Hacilar Kayseri

(d) Produtturi Komunitarji fil-kampjun:

— Bridon GmbH, Gelsenkirchen, il-Ġermanja

— Casar Drahtseilwerk Saar GmbH ("Casar"), Saarbrücken, il-Ġermanja

— Wire and Rope Factory Drumet S.A. ("Drumet"), Wloclawek, il-Polonja

— Manuel Rodrigues de Oliveria SA & Filhos S.A. ("Oliveira"), Gemunde, il-Portugall

— Tréfileurope S.A., Bourg-en-Bresse, Franza

(e) Importaturi relatati fil-Komunità:

— Usha Martin UK Ltd., Clydebank, ir-Renju Unit

(f) Importaturi mhux relatati fil-Komunità

— HEKO Industrieerzeugnisse GmbH, Hemer, il-Ġermanja

5. **Perjodi relevanti koperti mill-investigazzjonijiet ta' verifika**

(27) L-investigazzjoni fir-rigward tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni u/jew rikorrenza ta' *dumping* u ta' ħsara għall-verifika ta' skadenza koperta mill-perjodu mill-1 ta' Lulju 2005 sat-30 ta' Ġunju 2006 ("il-perjodu ta' l-investigazzjoni tal-verifika ta' skadenza" jew "l-PIVS"). L-eżami tat-tendenzi rilevanti għal-verifika tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza tal-ħsara kopra l-perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar 2003 u jibqa' sejjer sa l-aħħar tal-PIVS ("perjodu kkunsidrat").

(28) Il-perjodu ta' investigazzjoni għall-verifika temporanja parzjali skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku dwar l-importazzjonijiet miż-żewġ produtturi esportaturi fir-Russja kopra l-perjodu mill-1 ta' Lulju 2003 sat-30 ta' Ġunju 2004 ("perjodu ta' verifika temporanja għar-Russja")

(29) Il-perjodu ta' investigazzjoni relevanti għall-verifika temporanja parzjali skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku dwar l-importazzjonijiet mil-produttur esportatur fit-Turkija ("perjodu ta' verifika temporanja għat-Turkija") huwa l-istess bħall-PIVS.

(30) Il-perjodu ta' investigazzjoni għall-verifika temporanja parzjali skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku dwar l-importazzjonijiet mill-produttur esportatur fit-Tajlandja kopra l-perjodu mill-1 ta' April 2006 sal-31 ta' Marzu 2007 ("perjodu ta' verifika temporanja għat-Tajlandja")

6. **Kxif u opportunità biex wieħed jikkummenta**

(31) Il-partijiet interessati kollha ġew infurmati dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom ġie maħsub li tiġi rrakkomandata l-impożizzjoni ta' dazju *anti-dumping* definittiv fuq ċerti ħbula u kejbils tal-ħadid jew ta' l-azzar li joriġinaw mir-Russja u li jintemmu l-investigazzjonijiet dwar il-miżuri *anti-dumping* applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti ħbula u kejbils tal-ħadid jew ta' l-azzar li joriġinaw mit-Tajlandja u mit-Turkija. Huma ngħataw ukoll perjodu biex iressqu rappreżentazzjonijiet wara dan il-kxif. Il-kummenti tagħhom tqiesu u ttieħdu f'kunsiderazzjoni fejn xieraq.

B. **IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI**

1. **Il-prodott ikkonċernat**

(32) Il-prodott ikkonċernat minn din il-verifika ta' skadenza hu l-istess bħall-prodott definit fir-Regolament oriġinali, jiġifieri ħbula u kejbils, li jinkludu ħbula bil-koljatura maqfula, tal-ħadid jew ta' l-azzar iżda mhux ta' azzar li ma jissaddadx, li għandhom daqs massimu ta' wisa' trasversali li tiskorri t-3 mm, kemm bit-tagħmir magħhom kif ukoll jekk le, li joriġinaw mill-pajjiżi kkonċernati ("il-prodott ikkonċernat"). L-SWR bħalissa huma klassifikati taħt il-kodiċi NM ex 7312 10 81, ex 7312 10 83, ex 7312 10 85, ex 7312 10 89 u ex 7312 10 98.

(33) Parti interessata argumentat li l-prodott ikkonċernat għandu jinqasam f'żewġ gruppi differenti, bażikament (a) SWR użati għall-użu ġenerali u (b) SWR b'kapaċità għolja. Ġie argumentat li dawn ta' l-aħħar, li allegatament ma ġewx prodotti fil-pajjiżi li jesportaw, għandhom jiġu eskluży mill-proċedimenti peress, li skond ċerti importaturi, it-tipi ta' SWR taħt dik il-kategorija kienu differenti mill-SWR fil-kategorija l-oħra u li ma kienx hemm kompetizzjoni fost dawn l-SWR.

(34) L-ewwel, il-parti interessata ma ġabet l-ebda element li juri li l-prodott importat mill-pajjiżi kkonċernat ma kienx bħal dak prodott mill-industrija Komunitarja jew li l-SWR ikkonċernat ma kienx f'kompetizzjoni ma' l-ieħor jew li ma setgħux jinbidlu ma xulxin. Għalhekk, it-talba kellha tiġi miċħuda.

(35) Barra minn hekk, il-parti ma setgħetx turi li d-definizzjoni u d-deskrizzjoni tal-prodott ikkonċernat, kif iddefinit fil-premessi (10) sa (13) tar-Regolament proviżorju, kienu żbaljati.

(36) Id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat fir-Regolament oriġinali għalhekk hi kkonfermata.

2. **Prodott simili**

(37) Fil-premessi (14) sa (19) tar-Regolament oriġinali, ġie konkluż li l-prodott ikkonċernat, l-SWR prodotti u mibjugħa mill-produtturi Komunitarji u l-SWR mibjugħa fuq is-swieq domestiċi u esportati lill-Komunità mill-pajjiżi kkonċernati kellhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi. Dawn il-prodotti tqiesu li kienu simili fis-sens ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

(38) Parti interessata argumentat li l-SWR importati huma sostanzjalment differenti minn dawk magħmula u mibjugħa fil-Komunità u ma setgħux jitqabblu għall-iskop ta' dawn l-investigazzjonijiet. Argumentat li l-prodotti importati fil-Komunità ma kinux f'kompetizzjoni diretta ma' l-SWR prodotti fil-Komunità.

(39) L-istess argumenti tressqu fl-investigazzjoni li wasslet għall-konklużjonijiet li ntlaħqu fil-premessa (15) tar-Regolament proviżorju. Peress li l-parti interessata ma ġabitx elementi ġodda li juru li l-prodott importat mill-pajjiżi kkonċernati ma kienx l-istess bħal dak prodott u mibjugħ fil-Komunità, il-klejm kellha tiġi miċħuda.

(40) Il-konklużjonijiet li ntlaħqu fil-premessi (14) sa (19) tar-Regolament orġinali li jikkonċerna l-prodott simili għalhekk jistgħu jiġu kkonfermati.

Ċ. ***DUMPING* U PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI U/JEW RIKORRENZA TA' *DUMPING***

1. ***Dumping* ta' importazzjonijiet tul il-perjodi ta' investigazzjoni tal-verifika — Prinċipji ġenerali**

(41) Għal raġunijiet ta' konsistenza, ġie mistħarreġ, bħala l-ewwel pass, jekk kienx qiegħed iseħħ *dumping*, u jekk inhu hekk, jekk l-iskadenza tal-miżuri hijiex probabbli li twassal għal-kontinwazzjoni ta' *dumping*. Bħala t-tieni pass, skond ir-Regolament bażiku, ġew eżaminati l-implikazzjonijiet possibbli tal-verifiki temporanji dwar is-sejbiet tar-Regolament oriġinali fuq bażi ta' pajjiż b'pajjiż.

Metodoloġija ġenerali

(42) Il-metodoloġija ġenerali stipulata hawn taħt ġiet applikata lill-produtturi esportaturi kollha fil-pajjiżi kkonċernati u hija l-istess bħall-investigazzjoni oriġinali. Il-preżentazzjoni tas-sejbiet dwar id-*dumping* għal kull wieħed mill-pajjiżi kkonċernati għalhekk tiddeskrivi biss dak li huwa speċifiku għal kull pajjiż li jesporta.

Il-valur normali

(43) F'dak li għandu x'jaqsam mad-determinazzjoni tal-valur normali l-ewwel ġie stabbilit għal kull prodottur esportatur jekk il-bejgħ domestiku totali tiegħu tal-prodott ikkonċernat kienx rappreżentanti meta mqabbel mal-bejgħ tiegħu għall-esportazzjoni totali lejn il-Komunità. Skond l-Artikolu 2(2) tar-Regolament Bażiku, il-bejgħ domestiku ġie kkunsidrat rappreżentattiv meta l-volum tal-bejgħ domestiku totali ta' kull produttur esportatur kien mill-anqas 5 % tal-volum totali tiegħu tal-bejgħ għall-esportazzjoni lejn il-Komunità.

(44) Għaldaqstant, dawk it-tipi tal-prodott ikkonċernat mibjugħ fis-suq domestiku mill-produtturi esportaturi li għandhom bejgħ domestiku rappreżentattiv ġenerali u li kienu identiċi jew direttament komparabbli mat-tipi mibjugħa għall-esportazzjoni lejn il-Komunità, ġew identifikati.

(45) Għal kull tip mibjugħ mill-produtturi esportaturi fis-swieq domestiċi tagħhom u li nstab li kien komparabbli direttament mat-tipi ta' SWR mibjugħa għall-esportazzjoni lejn il-Komunità, ġie stabbilit jekk il-bejgħ domestiku kienx rappreżentattiv biżżejjed għall-finijiet ta' l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku ta' tip partikolari ta' SWR tqies li kien rappreżentattiv biżżejjed meta l-volum totali tal-bejgħ domestiku ta' dak it-tip matu il-PIVS jew perjodu ta' stħarriġ ta' verifika temporanja relevanti rrappreżenta l-5 % jew iktar tat-total tal-volum tal-bejgħ tat-tip komparabbli ta' SWR esportat lejn il-Komunità.

(46) Ġie mistħarreġ jekk il-bejgħ domestiku ta' kull tip ta' SWR setax jitqies bħala li seħħ fil-andament normali tal-kummerċ skond l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. Dan sar billi għal kull produttur esportatur fil-pajjiżi kkonċernati, il-proporzjon ta' bejgħ bi qligħ għall-konsumaturi indipendenti fis-suq domestiku ġie stabbilit għal kull tip tal-prodott esportat ikkonċernat fis-suq domestiku tul il-perjodu ta' investigazzjoni:

(a) Għal dawk it-tipi ta' prodotti fejn aktar minn 80 %, skond il-volum, tal-bejgħ fuq is-suq domestiku kienu inqas mill-prezzijiet ta' l-unità, jiġifieri fejn il-prezz tal-bejgħ medju tat-tip tal-prodott ikkonċernat kien daqs jew ogħla mill-prezz medju tal-produzzjoni għat-tip ta' prodott ikkonċernat, il-valur normali ġie kkalkulat bħala l-prezz medju tal-bejgħ domestiku kollu tat-tip tal-prodott ikkonċernat irrispettivament minn jekk il-bejgħ ħalliex qligħ jew le.

(b) Għal dawk it-tipi ta' prodotti fejn mill-inqas 10 %, imma mhux aktar minn 80 %, skond il-volum, ta' bejgħ fis-suq domestiku ma kienx orħos mill-prezz ta' l-unità, il-valur normali ġie kkalkolat bħala prezz tal-bejgħ medju peżat ta' dawk it-tranżazzjonijiet li saru bi prezzijiet daqs jew ogħla mill-prezz ta' l-unità, tat-tip ikkonċernat.

(ċ) Għal dawk it-tipi ta' prodotti fejn inqas minn 10 %, bil-volum, inbiegħu fis-suq domestiku bi prezz mhux irħas mill-prezz ta' l-unità, tqies li t-tip tal-prodott ikkonċernat ma nbiegħx fl-andament ordinarju tal-kummerċ u għalhekk, il-valur normali kellu jiġi kkalkulat skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku.

(47) Fil-każijiet fejn kellhom jiġu kkalkulati l-valuri normali, dawn ġew ikkalkulati skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku, jiġifieri fuq il-bażi tal-prezz tal-produzzjoni tat-tip ikkonċernat, fejn ġie miżjud l-infiq għall-bejgħ, u l-ispejjeż ġenerali u amministrattivi (SG&A) u marġni ta' qligħ. L-ammont ta' l-SG&A kien dak imġarrab mill-produttur esportatur għall-prodott simili u l-ammont ta' qligħ irriżulta għall-qligħ medju miksub mill-produttur esportatur fuq il-bejgħ tal-prodott simili fl-andament normali tal-kummerċ.

Il-prezz ta' esportazzjoni

(48) Fil-każijiet kollha fejn il-prodott ikkonċernat ġie esportat lil klijenti indipendenti fil-Komunità, il-prezz ta' esportazzjoni ġie stabbilit skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku, jiġifieri fuq il-bażi tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni effettivament imħallsa jew dovuti.

(49) F'każijiet fejn il-bejgħ sar permezz ta' importatur jew negozjant relatat, il-prezz ta' esportazzjoni ġie kkalkulat fuq il-bażi tal-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid ta' dak l-importatur relatat mal-konsumaturi indipendenti. L-aġġustamenti saru għall-ispejjez kollha li nġarbu bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid kif ukoll l-infiq tal-bejgħ, l-ispejjeż ġenerali u amministrattivi, u marġni ta' qligħ raġjonevoli, skond l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. Il-marġni ta' qligħ xieraq ġiet stabbilita fuq il-bażi tat-tagħrif ipprovdut min-negozjanti/importaturi li jikkooperaw li mhumiex relatati li joperaw fis-suq Komunitarju.

Tqabbil

(50) Il-valur normali u l-prezz ta' esportazzjoni tqabblu mal-bażi tal-prezz tal-fabbrika. Sabiex jiġi żgurat paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezz ta' esportazzjoni, saret konċessjoni xierqa fis-sura ta' aġġustamenti għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabilità tal-prezzijiet skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti xierqa fil-każijiet kollha fejn dawn instabu li kienu raġonevoli, eżatti u sostnuti b'xhieda.

(51) Saru aġġustamenti għall-merkanzija ta' fuq l-art u fuq il-baħar, għall-ispejjeż ta' l-assigurazzjoni, għall-ispejjeż ta' maniġġ u l-imballaġġ, għall-spejjeż ta' kreditu u d-dazji fuq l-importazzjoni, li tnaqqsu mill-prezz ta' bejgħ mill-ġdid sabiex jaslu sa l-ammont tal-prezz tal-fabbrika.

Il-marġni tad-*dumping*

(52) Skond l-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku, ġiet ikkalkulata marġni tad-*dumping* għal kull produttur esportatur li jikkoopera, billi l-valur normali medju peżat tqabbel mal-prezz medju ta' esportazzjoni peżat.

(53) Għal dawk il-pajjiżi fejn il-livell ta' kooperazzjoni nstab li kien għoli ('il fuq minn 80 % tal-volumi importati kollha lill-Komunità tul il-PIVS jew il-PIV relevanti) u fejn ma kien hemm l-ebda raġuni li wieħed jifhem li kien hemm xi produttur esportatur li naqas milli jikkoopera, il-marġni tad-*dumping* li jifdal ġie stabbilit fuq livell tal-produttur esportatur li kkoopera ma' l-ogħla marġni tad-*dumping* sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-miżuri.

(54) Għal dawk il-pajjiżi fejn il-livell ta' kooperazzjoni nstab li kien baxx (inqas minn 80 % tal-volumi importati kollha lill-Komunità tul il-PIVS jew il-PIV relevanti), il-marġni tad-*dumping* relevanti ġie ddeterminat skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, jiġifieri fuq il-bażi tal-fatti disponibbli.

2. ***Dumping* ta' importazzjonijiet tul il-perjodi ta' investigazzjoni ta' verifika — Sejbiet speċifiċi għall-pajjiż**

2.1. *Ir-Russja*

Rimarki preliminarji

(55) Hemm żewġ prodotturi esportaturi magħrufa li jipproduċu l-SWR fir-Russja: Severstal-Metiz, Cherepovets ("SSM") u BMK, Beloretsk ("BMK"). Għalhekk, huma jgħoddu għal 100 % tal-produzzjoni u jirrappreżentaw sehem ta' 1,5 % ta' l-importazzjonijiet fis-suq Komunitarju fil-PIVS. Iż-żewġ produtturi kkooperaw fil-verifika temporanja iżda wieħed biss ikkoopera fl-investigazzjoni tal-verifika ta' skadenza. Il-produttur l-ieħor indika li ma riedx jikkoopera fil-verifika ta' skadenza. Argumenta li, minbarra li l-kumpanija esportat biss kwantitajiet żgħar lill-UE fil-perjodu ta' verifika temporanja fir-Russja, il-qagħda tal-kumpanija ma bidlitx sinifikament wara l-verifika temporanja li bdiet f'Awissu 2004 (ara l-premessi (4) sa (7) hawn fuq).

2.1.1. ***Verifika temporanja parzjali dwar il-miżuri fis-seħħ kontra l-produtturi esportaturi fir-Russja***

(56) Il-verifika temporanja parzjali ġiet limitata għal-livell ta' *dumping* taż-żewġ produtturi magħrufa Russi lill-UE. Ġew riċevuti tweġibiet sħaħ għall-kwestjonarju mit-tnejn li huma.

Il-valur normali

(57) Il-valur normali ġie ddeterminat skond il-metodoloġija ġenerali deskritta fil-premessi (43) u (47) hawn fuq.

(58) Għal produttur esportatur Russu, il-valur normali ssejjes fuq il-prezzijiet domestiċi attwali skond il-metodoloġija stipulata fil-premessa (46) hawn fuq. Għall-produttur esportatur Russu l-ieħor, il-valur normali ssejjes prinċipalment fuq il-prezzijiet domestiċi attwali, iżda kellu jiġi kkalkulat għal ċerti tipi ta' prodotti skond il-metodoloġija spjegata fil-premessa (47) hawn fuq.

Il-prezz ta' esportazzjoni

(59) Għad-determinazzjoni tal-prezz ta' esportazzjoni, ġew applikati l-prinċipji ġenerali spjegati fid-dettall fil-premessi (48) u (49) hawn fuq.

(60) Fir-rigward tal-bejgħ ta' l-esportazzjoni lill-Komunità magħmul minn produttur esportatur Russu permezz ta' kumpanija ta' kummerċ fl-Iżvizzera, il-prezz ta' esportazzjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezzijiet ta' bejgħ mill-ġdid li tħallsu jew kienu dovuti lil dan ta' l-aħħar mill-ewwel xerrej indipendenti fil-Komunità tul il-perjodu ta' verifika temporanja fir-Russja.

(61) Għandu jiġi nnutat li kważi l-esportazzjonijiet kollha minn esportatur Russu wieħed lill-Komunità saru b'garanzija tal-prezz, aċċettat mill-Kummissjoni f'Awissu 2001. F'dak il-kuntest, id-determinazzjoni tal-prezzijiet ta' esportazzjoni ma kinetx limitata biss għal eżami ta' l-imġiba fl-imgħoddi ta' l-esportaturi iżda ġie eżaminat ukoll l-iżvilupp probabbli tal-prezzijiet ta' esportazzjoni fil-ġejjieni. B'mod partikolari, ġiet eżaminata l-kwistjoni jekk l-eżistenza ta' din il-garanzija kinetx influwenzat il-livell tal-prezzijiet ta' esportazzjoni, biex ma jagħmluhomx affidabbli għat-twaqqif ta' l-imġiba ta' l-esportazzjoni fil-ġejjieni.

(62) Ġie eżaminat ukoll jekk il-prezzijiet ta' esportazzjoni ċċarġjat mill-esportatur lill-klijenti bbażati fil-Komunità, kinux affidabbli u jekk setgħux jifformaw bażi proprja għall-kalkolu tal-marġni tad-*dumping* tiegħu għal din l-investigazzjoni attwali, minkejja l-eżistenza tal-garanzija fuq il-prezz. B'mod partikolari, l-investigazzjoni ppruvat turi kellu jiġi eżaminat jekk il-prezzijiet ta' esportazzjoni attwali lejn il-Komunità kinux iffissati artifiċjalment b'rabta mal-prezzijiet ta' importazzjoni minimi ("PIM") jew le u għalhekk jekk kinux sostenibbli fil-ġejjieni. Madankollu, l-istħarriġ wera li s-sistema użata biex tistabbilixxi n-numru ta' kontroll tal-prodott ("NKP") għal dan l-istħarriġ kienet aktar sofistikata mis-sistema ta' klassifikazzjoni applikata fiż-żmien meta l-garanzija ġiet aċċettat fl-2001. Dan wassal għall-konklużjoni li kwalunkwe tqabbil bejn l-NKP tal-PIM u dawk ta' l-investigazzjoni attwali ma kienx affidabbli.

(63) Sar tqabbil fuq bażi ta' tip b'tip bejn il-prezzijiet ta' esportazzjoni lill-Komunità mal-prezzijiet iċċarġjati lill-pajjiżi terzi. Dan wera li l-prezzijiet ta' esportazzjoni lill-pajjiżi terzi kienu fil-medja ħafna orħos. Għalhekk ġie konkluż li l-prezz ta' esportazzjoni ta' din il-kumpanija lill-Komunità ma setax jintuża biex jistabbilixxi prezzijiet ta' esportazzjoni affidabbli skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku, fil-kuntest ta' din il-verifika. Finnuqqas ta' prezzijiet ta' esportazzjoni affidabbli għal bejgħ lill-UE-15, il-bejgħ lil pajjiżi oħra ttieħed bħala prokura għal dawk il-prezzijiet ta' esportazzjoni.

Tqabbil

(64) Skond it-tqabbil bejn il-valur normali u l-prezz ta' esportazzjoni, ġie segwit l-approċċ kif deskritt fil-premessa (50).

(65) Peress li n-negozjant relatat fl-Iżvizzera ta' wieħed mill-produtturi esportaturi Russi għandu funzjonijiet simili għal dawk ta' aġent bil-kummissjoni, sar aġġustament fil-prezz ta' esportazzjoni għal kummissjoni skond l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku. Il-livell tal-kummissjoni ġie kkalkulat fuq bażi ta' evidenza diretta li turi l-eżistenza ta' żieda relatata ma' tali funzjonijiet.

Il-marġini tad-*dumping*

(66) Skond l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-valur medju normali peżat skond it-tip tqabbel mal-prezz medju peżat ta' l-esportazzjoni tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat.

(67) Kif spjegat aktar fil-premessi (104) sa (107) hawn isfel, it-tqabbil wera l-eżistenza ta' *dumping* kontinwu għal BMK. Għal SSM, it-tqabbil bejn il-valur normali medju peżat u l-prezz tal-bejgħ medju peżat lil pajjiżi fejn il-garanzija ma kinetx fis-seħħ wera wkoll l-eżistenza ta' *dumping* li baqa' għaddej.

(68) Il-marġini tad-*dumping* tal-BMK espress bħala perċentwali tal-prezz nett, ħieles mill-fruntieri tal-Komunità, id-dazju mhux imħallas, kien ta' iktar minn 36,2 %. Il-marġini tad-*dumping* ta' SSM espress fuq l-istess bażi nstab li kien 9,7 %.

Miżuri *anti-dumping* definittivi

(69) Fid-dawl tar-riżultati tal-marġini tad-*dumping* stabbiliti fl-investigazzjonijiet ta' verifika temporanja, tqies xieraq li d-dazju *anti-dumping* applikabbli għal BMK jiġi emendat għal 36,2 %.u ta' SSM għal 9,7 %.

2.1.2. ***Verifika ta' skadenza dwar il-miżuri fis-seħħ kontra l-produtturi esportaturi fir-Russja***

(70) Minn żewġ produtturi magħrufa ta' l-SWR fir-Russja, SSM biss ikkooperat fl-investigazzjoni tal-verifika ta' skadenza. Fuq il-bażi tat-tagħrif miġbur, din il-kumpanija rrappreżentat kważi 100 % ta' l-esportazzjonijiet totali tar-Russja lill-Komunità tul il-PIVS. Il-kumpanija rrappreżentat ukoll madwar 50 % tal-produzzjoni Russa totali. L-esportazzjonijiet lill-Komunità kienu fuq livell baxx u kkonsistew madwar 3 300 tunnellati tul il-PIVS, li jirrappreżentaw 1,5 % tal-konsum ta' l-UE. Dan is-sehem fis-suq li jidher baxx ma għandux jaħbi l-fatt li l-kapaċità tal-produzzjoni żejda kbira hi disponibbli fir-Russja. Is-sehem ta' l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità f'termini ta' kwantità kien inqas minn 5 % tal-bejgħ totali tal-kumpanija li tikkoopera. Kif imsemmi hawn fuq fil-premessa (61) kważi l-esportazzjonijiet kollha mill-kumpanija li tikkoopera lill-Komunità huma suġġetti għal ftehim ta' garanzija fil-prezz.

Il-valur normali

(71) Kull meta l-prezzijiet domestiċi ta' prodott partikolari mibjugħ minn SSM ma setgħux jintużaw biex jiġi stabbilit il-valur normali jew għax ma kinux inbiegħu fis-suq domestiku fi kwantitajiet rappreżentattivi, kellu jiġi applikat metodu ieħor. Fin-nuqqas ta' metodu raġjonevoli ieħor, ġie użat il-valur normali kkalkulat skond it-tip tal-prodott, kif stipulat mill-SSM u verifikat mill-Kummissjoni.

(72) Għal dak li għandu x'jaqsam mal-kost tal-produzzjoni, ġie kklejmjat mill-SSM li l-kost ta' l-istruttura għall-esportazzjonijiet ta' l-UE kien differenti minħabba standards tekniċi differenti fil-Komunità u s-suq Russu. Skond il-kumpanija, l-SWR mibjugħa fis-suq Komunitarju għandhom ikunu konformi ma' l-hekk imsejħa standard DIN, li mhux rekwiżit fir-Russja. It-tabella li tinkludi l-kost tal-produzzjoni (KTP) ta' l-SWR mibjugħa domestikament u lill-Komunità turi li ma kien hemm l-ebda differenzi sinifikanti bejn it-tipi varji. Għal ċerti tipi ta' prodotti, il-KTP domestiku kien kemm kemm ogħla, għal oħrajn kien il-KTP Komunitarju li kien kemm kemm inqas. Għalhekk, ġie konkluż li din id-differenza allegata ma setgħatx taffettwa l-kalkoli tad-*dumping*.

Il-prezz ta' esportazzjoni

(73) B'rigward għall-esportazzjonijiet lill-Komunità, ħlief għal tranżazzjoni waħda, il-produttur biegħ il-prodott ikkonċernat direttament fil-Komunità mingħajr indħil ta' kwalunkwe parti relatata. L-esportatur ippreżenta xhieda li dik it-tranżazzjoni ma kinetx tikkonċerna l-prodott ikkonċernat u għalhekk ma setgħetx titqies fil-kalkoli.

Tqabbil

(74) Sabiex jiġi żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz ta' esportazzjoni, saret konċessjoni xierqa fis-sura ta' aġġustamenti għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabilità tal-prezzijiet skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

Il-marġini tad-*dumping*

(75) Skond l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-marġini tad-*dumping* kien stabbilit fuq bażi ta' tqabbil bejn il-valur medju normali peżat u l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni medju peżat, kif msemmi iktar 'il fuq. Dan it-tqabbil wera n-nuqqas ta' *dumping* tul il-perjodu ta' investigazzjoni tal-verifika ta' skadenza.

(76) It-tqabbil tad-*data* li tikkonċerna l-esportazzjonijiet lill-Komunità pprovduta mill-produttur esportatur u l-volum totali ta' importazzjonijiet kif derivati mill-istatistika ta' importazzjoni ta' l-Eurostat indika li l-livell ta' kooperazzjoni kien għoli, peress, li l-produttur esportatur li kkoopera rrappreżenta bejn wieħed u ieħor l-importazzjonijiet Komunitarji kollha mir-Russja tul il-PI.

2.2. *It-Tajlandja*

2.2.1. ***Verifika parzjali temporanja dwar il-miżuri fis-seħħ kontra produttur esportatur fit-Tajlandja***

Il-valur normali

(77) Il-valur normali ssejjes fuq il-prezz imħallas jew dovut fl-andament normali tal-kummerċ minn klijenti indipendenti fis-suq domestiku skond l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku. Tul il-perjodu ta' investigazzjoni tal-verifika temporanja tat-Tajlandja, il-kumpanija biegħet il-prodott ikkonċernat direttament lill-klijenti finali fis-suq domestiku. Il-valur normali ssejjes fuq il-bejgħ bil-qligħ biss.

(78) Il-valur normali ssejjes fuq il-prezz imħallas jew dovut fl-andament normali tal-kummerċ minn klijenti indipendenti fis-suq domestiku skond l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku.

Il-prezz ta' esportazzjoni

(79) Ir-rikorrent u l-produttur li jikkoopera Usha Siam esportaw kwantità limitata ta' SWR lill-Komunità tul il-perjodu ta' verifika temporanja tat-Tajlandja. Dawn l-esportazzjonijiet kienu suġġetti għal garanzija fuq il-prezz.

(80) Għal bejgħ dirett lis-suq Komunitarju, il-prezzijiet ta' esportazzjoni ssejsu fuq il-prezz imħallas jew dovut fl-andament normali tal-kummerċ minn klijenti indipendenti fil-Komunità skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

(81) Għall-bejgħ ta' l-esportazzjonijiet li saru permezz tal-importatur relatat, Usha Martin fir-Renju Unit, il-prezzijiet ta' esportazzjoni ġew ikkalkulati fuq il-bażi tal-prezz li bih il-prodott importat l-ewwel inbiegħ mill-ġdid lil klijenti indipendenti fil-Komunità, skond l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. Saret konċessjoni għall-ispejjeż li nġarbu bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, li jinkludu l-infiq tal-bejgħ u l-ispejjeż ġenerali u amministrattivi u l-qligħ li sar fil-Komunità mill-importatur relatat tul il-perjodu ta' investigazzjoni.

Tqabbil

(82) Il-valur normali tqabbel mal-prezz medju ta' esportazzjoni għal kull tip ta' prodott ikkonċernat, fuq bażi tal-prezz tal-fabbrika u fuq l-istess livell tal-kummerċ. Skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, u sabiex jiġi żgurat tqabbil ġust, tqiesu l-fatturi li ġew ikklejmjati u murija li jaffettwaw il-prezz u l-komparabilità tal-prezz. Saru aġġustamenti għall-merkanzija ta' fuq l-art u fuq il-baħar, spejjeż ta' l-assigurazzjoni, spejjeż ta' maniġġ u imballaġġ, spejjeż ta' kreditu u dazji fuq l-importazzjoni, li tnaqqsu mill-prezz ta' bejgħ mill-ġdid sabiex jammontaw għall-ammont tal-prezz tal-fabbrika.

Il-marġini tad-*dumping*

(83) Skond l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-marġini tad-*dumping* ġie stabbilit għal kull tip ta' prodott fuq bażi ta' tqabbil bejn il-medja tal-valur normali peżat u l-medja tal-prezzijiet ta' esportazzjoni peżati fl-istess livell ta' kummerċ. Dan it-tqabbil wera n-nuqqas ta' *dumping* tul il-perjodu ta' investigazzjoni tal-verifika ta' skadenza.

2.2.2. ***Verifika ta' skadenza dwar il-miżuri fis-seħħ kontra l-produtturi esportaturi fit-Tajlandja***

(84) Minn 3 produtturi magħrufa ta' l-SWR fit-Tajlandja, kumpanija waħda biss ikkooperat fl-investigazzjoni. Fuq il-bażi tat-tagħrif miġbur, din il-kumpanija rrappreżentat kważi 100 % ta' l-esportazzjonijiet totali tat-Tajlandja lill-Komunità tul il-PIVS. Il-kumpanija rrappreżentat ukoll madwar 80 % tal-produzzjoni Tajlandiża totali. L-esportazzjonijiet lill-Komunità kienu fuq livell baxx ħafna tul il-perjodu ta' investigazzjoni tal-verifika. L-esportazzjonijiet mill-kumpanija li tikkoopera lill-Komunità kienu suġġetti għall-garanzija fil-prezz.

Il-valur normali

(85) Il-kost sħiħ tal-produzzjoni għal kull tip ta' prodott esportat instab li kien ogħla mill-prezz domestiku tul il-PIVS. Għaldaqstant, il-valur normali ma setax jiġi kkalkulat fuq il-bażi tal-prezzijiet imħallsa jew dovuti fl-andament normali tal-kummerċ mill-klijenti indipendenti fis-suq domestiku, skond l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku għal kwalunkwe tip ta' SWR esportati mill-prodottur esportatur Tajlandiż li jikkoopera.

(86) Il-prezzijiet domestiċi ġew ikkalkulati fuq il-bażi tal-kost tal-produttur ta' esportazzjoni stess għall-produzzjoni, il-bejgħ, l-ispejjeż ġenerali u amministrattivi u marġni raġjonevoli ta' 5 % għall-qligħ fuq il-bażi ta' l-Artikolu 2(6)(ċ) tar-Regolament bażiku u skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku.

Il-prezz ta' esportazzjoni

(87) Il-produttur esportatur li kkoopera esporta l-prodott ikkonċernat permezz ta' kumpanija relatata fil-Komunità. Għaldaqstant, u skond l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku, il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni ġew ikkalkulati fuq il-bażi tal-prezz li bih il-prodott importat inbiegħ għall-ewwel darba lil klijenti indipendenti fil-Komunità. Saret konċessjoni għall-ispejjeż li nġarbu bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, li jinkludu l-infiq tal-bejgħ u l-ispejjeż ġenerali u amministrattivi u l-qligħ li sar fil-Komunità mill-kumpanija ta' importazzjoni tul il-perjodu ta' investigazzjoni tal-verifika.

Tqabbil

(88) Il-valur normali tqabbel mal-prezz medju ta' l-esportazzjoni għal kull tip ta' prodott ikkonċernat, fuq bażi tal-prezz tal-fabbrika u fuq l-istess livell tal-kummerċ. Skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, u sabiex jiġi żgurat tqabbil ġust, tqiesu d-differenzi fil-fatturi li ġew ikklejmjati u murija li jaffettwaw il-prezz u t-tqabbil tal-prezz. Saru aġġustamenti għall-merkanzija ta' fuq l-art u fuq il-baħar, għall-ispejjeż ta' l-assigurazzjoni, għall-ispejjeż ta' maniġġ u ta' l-imballaġġ, għall-spejjeż ta' kreditu u d-dazji fuq l-importazzjoni, li tnaqqsu mill-prezz ta' bejgħ mill-ġdid sabiex jammontaw għall-ammont tal-prezz tal-fabbrika.

Il-marġini tad-*dumping*

(89) Skond l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-marġini tad-*dumping* ġie stabbilit għal kull tip ta' prodott fuq bażi ta' tqabbil tal-medja tal-valur normali peżat mal-medja tal-prezzijiet ta' esportazzjoni peżati fl-istess livell ta' kummerċ. Dan it-tqabbil wera l-eżistenza ta' *dumping* relattivament baxx tul il-PIVS, meta mqabbel mar-Regolament oriġinali. Il-marġini tad-*dumping* medju peżat espress bħala perċentwali tal-valur CIF fil-fruntiera Komunitarja kien ta' 7,6 %.

2.3. *It-Turkija*

Rimarki preliminarji

(90) Kemm żewġ produtturi esportaturi fit-Turkija; kemm Celik Halat ("Halat") kif ukoll Has Celik ("Has") ikkooperaw fl-investigazzjoni tal-verifika ta' skadenza u Has ikkoopera fil-verifika temporanja parzjali li tikkonċerna l-livell tad-*dumping* tiegħu. Iż-żewġ produtturi jgħoddu għal 100 % ta' l-esportazzjonijiet ta' l-UE mit-Turkija.

2.3.1. ***Verifika temporanja dwar il-miżuri fis-seħħ kontra produttur esportatur fit-Turkija***

(91) Huwa mfakkar li l-verifika temporanja parzjali msemmija fil-premessa (10) hawn fuq tikkonċerna esportatur Tork li allegatament iddampja l-SWR tiegħu fil-Komunità

Il-valur normali

(92) L-investigazzjoni wriet li bosta mill-prezzijiet domestiċi li jistabbilixxu l-valur normali għat-tipi ta' prodotti esportati mill-esportatur Tork ikkonċernat kienu ta' qligħ. Għalhekk il-prezz użat kien il-prezz imħallas jew dovut fl-andament normali tal-kummerċ minn klijenti indipendenti fis-suq domestiku skond l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku.

(93) Għal ċerti tipi ta' prodotti, il-valur normali ġie kkalkulat fuq il-bażi tal-kost tal-produzzjoni tal-produttur stess li jinkludi l-SG&A u marġni raġjonevoli ta' 5 % għall-qligħ, skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku.

Il-prezz ta' esportazzjoni

(94) B'rigward għall-esportazzjonijiet lill-Komunità, il-produttur Tork ikkonċernat biegħ il-prodott ikkonċernat direttament fil-Komunità mingħajr indħil ta' kwalunkwe parti relatata. Għalhekk, il-prezz ta' esportazzjoni kien l-prezz tabilħaqq imħallas jew dovut għall-prodott meta mibjugħ għall-esportazzjoni mill-pajjiż esportatur lejn il-Komunità skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

Tqabbil

(95) Il-valur normali tqabbel mal-prezz medju ta' esportazzjoni għal kull tip ta' prodott ikkonċernat, fuq bażi tal-prezz tal-fabbrika u fuq l-istess livell tal-kummerċ skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Sabiex jiġi żgurat tqabbil ġust, id-differenzi fil-fatturi nstabu li jaffettwaw il-prezzijiet u t-tqabbil tal-prezz ġie kkunsidrat fil-kalkoli. Saru aġġustamenti għall-merkanzija ta' fuq l-art u fuq il-baħar, għall-spejjeż ta' l-assigurazzjoni, għall-spejjeż ta' maniġġ u l-imballaġġ, għall-ispejjeż ta' kreditu u d-dazji fuq l-importazzjoni, li tnaqqsu mill-prezz ta' bejgħ mill-ġdid sabiex jammontaw għall-prezz tal-fabbrika.

Marġini tad-*dumping*

(96) Skond l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-marġini tad-*dumping* ġie stabbilit għal kull tip ta' prodott fuq bażi ta' tqabbil bejn il-medja tal-valur normali peżat u l-medja tal-prezzijiet ta' esportazzjoni peżati fl-istess livell ta' kummerċ. B'mod ġenerali, dan it-tqabbil wera li l-marġini tad-*dumping* medju peżat espress bħala perċentwali tal-valur tas-CIF fil-fruntiera tal-Komunità kien ta' 0,12 %, jiġifieri fuq livell *de minimis*.

2.3.2. ***Verifika ta' skadenza fuq il-miżuri fis-seħħ kontra t-Turkija***

Il-valur normali

(97) Wara li twettqu t-testijiet deskritti fil-metodoloġija ġenerali fil-premessa (46) hawn fuq, instab li l-valur normali għandu jiġi kkalkulat għall-maġġoranza mit-tipi SWR esportati lill-KE minn produttur esportatur Tork wieħed. Għalhekk, il-valur normali ġie kkalkulat fuq il-bażi tal-kost tal-produzzjoni tal-produttur stess li jinkludi marġini raġjonevoli ta' 5 % għall-qligħ, skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku.

(98) Għall-produttur l-ieħor, kif spjegat fil-premessi (92) u (92) hawn fuq, il-prezz tal-bejgħ domestiku jista' jintuża biex jiġi stabbilit l-valur normali għal biċċa l-kbira tat-tipi tal-prodotti. B'hekk, il-valur normali ssejjes fuq il-prezz imħallas jew dovut fl-andament normali tal-kummerċ minn klijenti indipendenti fis-suq domestiku skond l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku.

Il-prezz ta' esportazzjoni

(99) B'rigward għall-esportazzjonijiet lill-Komunità, il-produttur Tork ikkonċernat biegħ il-prodott ikkonċernat direttament fil-Komunità mingħajr indħil ta' kwalunkwe parti relatata. Il-prezz ta' esportazzjoni kkonċernat kien il-prezz tabilħaqq imħallas jew dovut għall-prodott meta mibjugħ għall-esportazzjoni mill-pajjiż esportatur lejn il-Komunità skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

T q a b b i l

(100) Il-valur normali tqabbel mal-prezz medju ta' esportazzjoni għal kull tip ta' prodott ikkonċernat, fuq bażi tal-prezz tal-fabbrika u fuq l-istess livell tal-kummerċ. Skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, u sabiex jiġi żgurat tqabbil ġust, tqiesu d-differenzi fil-fatturi li ġew ikklejmjati u murija li jaffettwaw il-prezz u l-komparabbilità tal-prezz. Saru aġġustamenti għall-merkanzija ta' fuq l-art u fuq il-baħar, għall-spejjeż ta' l-assigurazzjoni, għall-ispejjeż ta' maniġġ u l-imballaġġ, għall-ispejjeż ta' kreditu u d-dazji fuq l-importazzjoni, li tnaqqsu mill-prezz ta' bejgħ mill-ġdid sabiex jaslu għall-ammont tal-prezz tal-fabbrika.

D u m p i n g

(101) It-tqabbil tal-prezz medju ta' esportazzjoni mal-valur normali għal kull tip tal-prodott ikkonċernat wera l-eżistenza ta' *dumping* għal produttur Tork wieħed biss, u marġini *de minimis* għall-produttur l-ieħor (ara l-premessa (96)). Il-marġini tad-*dumping* espress bħala persentaġġ tal-valur CIF fil-fruntiera Komunitarja kien ta' 33,6 % għall-esportatur ikkonċernat.

(102) Għandu jiġi nnutat li għal dak l-esportatur, il-marġini tad-*dumping* stabbilit fl-investigazzjoni inizjali kien għoli (aktar minn 50 %), li jwassal għal dazju msejjes fuq il-marġini tal-ħsara skond l-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku. L-investigazzjoni mwettqa taħt din il-verifika tindika li għad hemm *dumping*, anki fuq volumi iżgħar ta' esportazzjoni, għalkemm fuq livell aktar baxx.

D. **KEMM IDUMU Ċ-ĊIRKUSTANZI MIBDULA**

(103) Skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, kien ukoll eżaminat jekk iċ-ċirkustanzi mibdula kinux jistgħu b'mod raġjonevoli jissejħu li huma ta' natura dejjiema.

Ir-Russja

BMK

(104) Din il-kumpanija bħalissa hi soġġetta għal dazju residwu ffissat għal 50,7 % stabbilit tul l-investigazzjoni oriġinali fuq il-bażi ta' *data* li tikkonċerna esportatur Russu ieħor, peress li l-BMK ma kkooperax f'dik l-investigazzjoni. Madankollu, il-marġni tad-*dumping* attwali ffissata għal 36,2 % ġiet ikkalkulata fuq it-tagħrif rigward il-BMK għall-PIV kollu.

(105) Barra minn hekk, ma hemm l-ebda indikazzjonijiet li l-livell tal-valur normali jew il-prezz ta' esportazzjoni stabbilit għall-BMK f'din l-investigazzjoni mhux affidabbli. Il-prezz ta' esportazzjoni tal-BMK lill-Komunità tul il-PIV instab li kien l-istess bħal dak ta' l-esportazzjonijiet tiegħu lejn pajjiżi oħrajn, fejn inbiegħu kwantitajiet konsiderevolment ogħla tul il-PIV.

(106) Għalkemm il-marġini tad-*dumping* li nstab fil-PIV jissejjes fuq volum relattivament żgħir ta' esportazzjonijiet ta' l-SWR lill-Komunità, hemm raġunijiet li jitqies li l-marġini tad-*dumping* li nstab jissejjes fuq ċirkostanzi mibdula ta' natura dejjiema.

SSM

(107) Huwa importanti li wieħed jiftakar li l-prezzijiet ta' esportazzjoni ta' l-SSM lill-Komunità huma suġġetti għal garanzija fuq il-prezz li bdiet tapplika għall-esportazzjonijiet lill-10 Stati Membri l-ġodda (UE10) li ssieħbu ma' l-UE fil-bidu ta' l-aħħar xahrejn tal-perjodu ta' verifika temporanja tar-Russja, jiġifieri f'Mejju 2004. Għalkemm il-prezzijiet ta' esportazzjoni ċċarġjati lill-klijenti li jinsabu fil-15-il Stat Membri li kienu jikkostitwixxu l-UE qabel l-1 ta' Mejju 2004 kienu fil-livell meħtieġ mill-garanzija, il-bejgħ lill-klijenti ta' l-UE10 instab li sar fuq livell ta' prezz oħos. Barra minn hekk, instab ukoll li l-esportazzjonijiet lill-pajjizi terzi oħrajn fil-perjodu ta' verifika temporanja tar-Russja saru fuq prezz sinifikament oħos u bi kwantitajiet sinifikament akbar minn dawk esportati lill-Komunità.

(108) Ir-raġuni tal-kwantità żgħira ta' esportazzjonijiet ta' l-SWR mill-SSM lill-Komunità tul il-perjodu ta' verifika temporanja tar-Russja ma tistax tingħata lir-restrizzjonijiet fuq il-kapaċità għaliex instab li l-kumpanija kellha disponibbli kapaċità ta' produzzjoni żejda sinifikanti. Għalhekk, jidher ċar li l-kwantità żgħira ta' esportazzjonijiet hi r-riżultat tal-prezzijiet imposti mill-garanziji fuq il-prezz. Dan jissuġġerixxi li jekk ma kienx ikun hemm garanziji fuq il-prezz, huwa probabbli li l-SSM kien ibiegħ kwantitajiet akbar bi prezzijiet oħos (u b'hekk *dumped*) fis-suq Komunitarju.

(109) Kif indikat hawn fuq, l-esportazzjonijeit kollha — kemm lill-Komunità kif ukoll lill-pajjiżi terzi — tqiesu f'din l-analiżi.

(110) L-investigazzjoni wriet li l-SSM kellu kapaċità żejda biex iżid b'mod sinifikanti l-esportazzjonijiet tiegħu kemm lill-Komunità kif ukoll lill-pajjiżi terzi. Jekk, kif inhu possibbli, l-SSM jipprova jirkupra s-sehem mis-suq li kellu fis-suq Komunitarju qabel l-impożizzjoni tal-miżuri, hu jista' jagħmel dan billi jbiegħ bi prezzijiet *dumped* fis-suq Komunitarju. Barra minn hekk, il-prezzijiet lejn pajjiżi oħra fil-medja kienu oħos mill-prezzijiet lis-suq tal-Komunità u l-investigazzjoni kkonkludiet li l-prodott ikkonċernat inbiegħ bi prezzijiet *dumped* lill-pajjiżi li mhumiex fl-UE.

(111) Il-valur normali ta' l-SSM fil-PIV issejjes fuq volum kbir (il-maġġoranza kbira tal-produzzjoni tiegħu) mibjugħ fl-andament normali tal-kummerċ fis-suq domestiku kompetittiv. Dan jindika li l-livell ta' valur normali li nstab fl-investigazzjoni attwali hu ta' natura dejjiema.

(112) Għaldaqstant, huwa meqjus li, fin-nuqqas ta' miżuri *anti-dumping*, il-volumi ta' esportazzjoni ta' l-SSM lill-Komunità se jiżdiedu f'daqqa u li l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni jorħsu b'mod sinifikanti. Għalhekk, huwa konkluż li ċ-ċirkostanzi li allegatament inbidlu b'rigward għall-prezzijiet ta' esportazzjoni ta' l-SSM ma jistgħux, b'mod raġjonevoli, jitqiesu li huma ta' natura dejjiema.

It-Tajlandja

(113) L-investigazzjoni tal-verifika temporanja wriet li l-esportazzjonijiet lill-Komunità magħmula mill-esportatur Tajlandiż li kkoopera ma sarux bi prezzijiet *dumped*. Instab ukoll li l-prezzijiet ta' esportazzjoni li ġew iċċarġjati mill-esportatur Tajlandiż lill-Komunità kienu daqs il-prezzijiet iċċarġjati lill-partijiet li jinsabu f'pajjiżi terzi oħrajn, fejn inbiegħu kwantitajiet akbar.

(114) Barra minn hekk, instab li l-esportatur Tajlandiż żviluppa n-netwerk ta' distribuzzjoni tiegħu u offra SWR lil firxa akbar ta' klijenti fil-bqija tad-dinja. Sussidji fil-bejgħ ġew stabbiliti fl-Awstralja, Singapor u l-Istati Uniti. Ir-raġuni tal-kwantità żgħira ta' esportazzjonijiet ta' Usha ta' SWR lill-Komunità ma tistax tingħata lir-restrizzjonijiet tal-kapaċità peress li l-kumpanija ma għandha prattikament l-ebda kapaċità żejda.

(115) Tqies li, fin-nuqqas tal-miżuri *anti-dumping* (jiġifieri bħalissa garanzija fuq il-prezz), il-volumi ta' l-esportazzjonijiet ta' Usha lill-Komunità mhux se jiżdied b'mod sinifikanti u li l-prezzijiet ta' l-esportazzjonijiet tiegħu bilkemm se jiġu affettwati. Fuq il-bażi tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, jista' jiġi konkluż li, fin-nuqqas ta' kapaċità żejda sinifikanti u b'kunsiderazzjoni għall-fatt li l-kumpanija tiffoka l-esportazzjonijiet tagħha prinċipalment fuq ħafna aktar swieqi ta' esportazzjoni milli l-Komunità fejn il-prezzijiet ta' esportazzjoni huma konsiderevolment ogħla milli fis-suq Komunitarju, iċ-ċirkostanzi mibdula li nstabu b'rigward għal Usha jista' jitqiesu bħala li huma ta' natura dejjiema.

It-Turkija (Has Celik)

(116) L-importazzjonijiet lill-Komunità ta' SWR li joriġinaw mit-Turkija żdiedu b'mod sinifikanti mis-sena 2005 'l hawn. Dak iż-żmien, verifika temporanja kkonkludiet li, fin-nuqqas ta' *dumping*, kien xieraq li l-miżuri li jikkonċernaw l-esportatur Tork applikant jiġu rrevokati.

(117) Il-verifika temporanja attwali għall-istess produttur ikkonfermat li l-esportazzjonijiet tagħha lill-Komunità saru bi prezzijiet li ma nstabux li kienu *dumped*. Barra minn hekk, il-kapaċità tal-produzzjoni ta' dik il-kumpanija nstabet limitata meta mqabbel mal-konsum Komunitarju. Għaldaqstant jista' jiġi konkluż li l-bidla fiċ-ċirkostanzi kif ġie stabbilit fil-verifika temporanja hi ta natura dewwiema.

L-iżviluppi fl-importazzjonijiet li kieku l-miżuri kellhom jiġu rrevokati

Rimarki preliminarji

(118) Il-produtturi li jikkooperaw f'din l-investigazzjoni jirrappreżentaw kważi t-totalità ta' l-importazzjonijiet fl-UE mill-pajjiżi kkonċernati. L-eżami ta' jekk *dumping* hux probabbli li jissokta li kieku l-miżuri kellhom jiġu rrevokati għalhekk kien imsejjes, fil-biċċa l-kbira, fuq it-tagħrif ipprovdut minn dawn il-produttri esportaturi li kkooperaw. B'mod partikolari, ġew eżaminati l-imġiba tal-prezzijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw lejn swieq ta' esportazzjoni oħra u l-produzzjoni tagħhom, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-ħażniet.

(119) Sabiex tiddetermina jekk kienx hemm il-probabbiltà li d-*dumping* jissokta, il-Kummissjoni tat daqqa t'għajn lejn il-qagħda attwali tal-pajjiżi u l-partijiet ikkonċernati mill-investigazzjoni. Fejn relevanti, ħarset lejn l-eżistenza possibbli ta' *dumping* fuq l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità. Saret analiżi wkoll ta' l-imġiba tal-prezzijiet, il-produzzjoni u l-kapaċità tal-produzzjoni ta' produtturi esportaturi oħrajn fil-pajjiżi kkonċernati mill-investigazzjoni. Din l-analiżi ssejset fuq *data* dwar l-għarfien tas-suq ipprovduta mill-industrija Komunitarja u l-produtturi esportaturi, l-istatistika ta' importazzjoni ta' l-Eurostat u meta disponibbli, l-istatistika ta' l-esportazzjoni mill-pajjiżi kkonċernati.

Ir-Russja

Produzzjoni, kapaċità ta' produzzjoni u investimenti

(120) SSM irnexxielha żżid il-produzzjoni fil-perjodi ta' investigazzjoni tal-verifika ta' skadenza b'7 % meta mqabbel mas-sena 2005.

(121) Filwaqt li l-kapaċità tal-produzzjoni baqgħet stabbli tul il-perjodu meqjus, l-użu tal-kapaċità medja fir-Russja nstab li kien madwar 60 sa 65 % għall-perjodu ta' investigazzjoni tal-verifika. Għalhekk jista' jiġi konkluż li l-produtturi esportaturi fir-Russja għandhom il-kapaċità jżidu l-esportazzjonijiet tagħhom lejn is-suq Komunitarju jekk il-miżuri jiġu rrevokati.

(122) Barra minn hekk, il-kapaċità globali tar-Russja rigward il-prodott ikkonċernat hi meqjusa li hi madwar il-livell tal-konsum ta' l-UE totali tul il-PIVS, jiġifieri 220 000 tunnellata. Peress li s-suq Russu mhux kapaċi jieħu ħsieb dan il-livell ta' forniment, il-produtturi Russi jistgħu jagħżlu li jidderieġu mill-ġdid din il-kapaċità żejda lill-Komunità bi prezzijiet *dumped* jekk il-miżuri jiġi rrevokati.

Ir-relazzjoni bejn il-prezzijiet ta' esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u l-livell tal-prezzijiet fil-Komunità

(123) Fil-premessi (61) u (1), ġie spjegat li minħabba l-eżistenza ta' garanzija fil-prezz, l-esportazzjonijiet li saru lill-Komunità ma kinux saru b'livelli *dumped*. Ġie muri wkoll li l-MIPs stabbiliti bil-garanzija tal-prezz influwenzaw l-għoti ta' prezzijiet tal-kumpanija Russa kkonċernata fis-suq Komunitarju. Għalhekk ġie konkluż li l-prezz ta' esportazzjoni lejn il-Komunità ma kienx affidabbli fis-sens ta' l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

(124) Għalhekk il-prezzijiet lejn il-pajjiżi terz tqiesu li kienu aktar affidabbli peress li ma kinux suġġetti għal restrizzjonijiet tul il-PIVS.

(125) Waqt il-PIVS ukoll, il-prezzijiet ta' esportazzjoni Russi lill-pajjiżi terzi kienu ġeneralment orħos mil-livell tal-prezz fil-Komunità. Għalhekk, jekk il-miżuri jiġu rrevokati, l-esportaturi Russi probabbilment jesportaw l-SWR fi kwantitajiet kbar lill-Komunità bi prezzijiet orħos milli skond il-garanzija fuq il-prezz attwali. Għaldaqstant jidher probabbli li d-*dumping* jissokta li kieku l-miżuri *anti-dumping* fis-seħħ jiġu rrevokati. Dan hu partikolarment relevanti fid-dawl tal-qagħda attwali rigward il-garanzija fil-prezz.

Konklużjoni dwar ir-Russja

(126) L-imġiba ta' l-esportaturi Russi u l-influwenza tal-garanzija fuq il-prezz fil-livell tal-prezz ta' esportazzjoni lill-Komunità, il-livell orħos prevalenti tal-prezzijiet fil-pajjiżi terzi u l-kapaċitajiet kbar ta' produzzjoni żejda disponibbli huma indikazzjonijiet ċari li l-produttur Russi probabbli jaqleb għas-suq Komunitarji bi kwantitajiet kbar bi prezzijiet *dumped* fil-każ li l-miżuri jiġu rrevokati.

It-Tajlandja

Produzzjoni, kapaċità ta' produzzjoni u investimenti

(127) Il-produttur li kkoopera Tajlandiż hu l-produttur dominanti fit-Tajlandja u jirrappreżenta sehem kbir, f'dan il-każ madwar 80 % tal-kapaċità ta' produzzjoni installata u l-produzzjoni attwali ta' SWR fit-Tajlandja. L-investigazzjoni wriet li dan il-produttur jipproduċi b'kapaċità sħiħa u li ż-żewġ produtturi Tajlandiża magħrufa l-oħra huma kważi għalkollox nieqsa mis-suq Komunitarju u li ma kellhomx disponibbli kapaċitajiet ta' produzzjoni kbar.

(128) L-investigazzjoni wriet li anki jekk il-produttur esportatur li jikkoopera kien qiegħed ibiegħ bi prezzijiet *dumped* fis-suq Komunitarju, il-volumi tal-bejgħ tiegħu kienu tassew żgħar. Ġie osservat fuq il-bażi ta' l-esportazzjonijiet dinjin tal-kumpanija li l-kumpanija tiffoka fuq bosta swieq ta' esportazzjoni oħrajn għajr il-Komunità, b'mod partikolari l-Istati Uniti, Singapor, l-Indoneżja, l-Awstralja, il-Ġappun u l-Malażja. F'dawn il-pajjiżi saħansitra ġew stabbiliti sussidji fuq il-bejgħ.

Relazzjoni bejn il-prezzijiet ta' esportazzjoni u l-garanzija fuq il-prezz

(129) Il-produttur esportatur li kkoopera osserva l-garanzija fuq il-prezz u, minħabba l-prezzijiet tas-suq li bħalissa huma għoljin, biegħ bi prezzijiet ogħla mill-prezzijiet minimi miftehma f'bosta okkażjonijiet. Ma hemm l-ebda kumpaniji Tajlandiżi oħra li tesporta l-prodott ikkonċernat lis-suq Komunitarju.

Ir-relazzjoni bejn il-prezzijiet ta' esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u l-livell tal-prezzijiet fil-Komunità

(130) Tul il-PIVS, il-volum tal-bejgħ ta' Usha lill-bqija tad-dinja kien sinifikament ogħla mill-bejgħ lejn il-Komunità, minkejja li l-livell tal-prezz ta' esportazzjoni fil-Komunità kien fil-medja 9,5 % ogħla milli fil-bqija tad-dinja.

(131) Fuq bażi tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, mhux probabbli li l-produttur esportatur li kkoopera fit-Tajlandja se jesporta kwantitajiet kbar lis-suq Komunitarju, anki jekk il-miżuri jiġu rrevokati. Ma jidhirx li ż-żewġ produtturi Tajlandiżi l-oħra għandhom netwerk ta' distribuzzjoni internazzjonali fis-seħħ li tippermettilhom li jidħlu s-suq Komunitarji b'mod aggressiv u li jiksbu sehem mis-suq.

It-Turkija

Produzzjoni, kapaċità ta' produzzjoni u investimenti

(132) Skond it-tagħrif miġbur tul l-investigazzjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni ma nbidlitx tul il-perjodu ta' investigazzjoni u l-użu tal-kapaċità żdied. Għaldaqstant, instab li żewġ kumpaniji Torok laħqu madwar 90 % tal-kapaċità ta' produzzjoni tagħhom. Ma hemm l-ebda kumpanija oħra fit-Turkija li tipproduċi l-PC.

(133) Barra minn hekk, ġie osservat li s-sehem ta' l-importazzjonijiet *dumped* mit-Turkija (minn Celik Halat) fis-suq tal-Komunità kien inqas minn 0,5 % li minnhom 10 % lanqas biss kienu f'kompetizzjoni mal-produzzjoni Komunitarja, peress li kienu tipi ta' prodotti li ma kinux magħmula mill-industrija Komunitarja. Peress li nstab li Has ma kienx qiegħed jiddampja, is-sehem tas-suq ta' l-importazzjonijiet *dumped* mit-Turkija kien għalhekk baxx ħafna. Għalhekk, huwa biss sehem żgħir mill-esportazzjonijiet mit-Turkija li huwa *dumped* u f'kompetizzjoni diretta ma' l-industrija Komunitarja.

Konklużjonijiet dwar iċ-ċans ta' kontinwazzjoni tad-*dumping*

(134) Fid-dawl ta' l-argumenti ta' hawn fuq, mhux probabbli li l-produttur esportatur li kkoopera jesporta kwantitajiet kbar lis-suq Komunitarji, anki jekk il-miżuri jiġu rrevokati. Fuq din il-bażi, mhux probabbli li jkun hemm rikorrenza jew li d-*dumping* jissokta.

E. PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI JEW TA' RIKORRENZA TAL-ĦSARA

1. Definizzjoni tal-produzzjoni Komunitarja u ta' l-Industrija Komunitarja

Produzzjoni Komunitarja

(135) L-SWR huma prodotti minn 29 produttur Komunitarju fil-Komunità u l-produzzjoni nstabet li tammonta għal madwar 202 000 tunnellata tul il-PIVS.

(136) Bħal fl-investigazzjoni oriġinali, ċerti produtturi Komunitarji nstabu jimportaw il-prodott ikkonċernat. Madankollu, il-kwantitajiet importati kienu żgħar ħafna meta mqabbla mal-produzzjoni tagħhom (inqas minn 1 % tal-volum tal-produzzjoni tagħhom) u ma kien hemm l-ebda prodotti importati li oriġinaw mill-pajjiżi kkonċernati. Għalhekk, ġie konkluż li ma kien hemm l-ebda raġuni għaliex dawn il-produtturi kellhom jiġu eskluži mid-definizzjoni tal-produzzjoni Komunitarja.

(137) L-SWR prodotti minn dawn id-29 produttur Komunitarju b'hekk jikkostitwixxu l-produzzjoni Komunitarja totali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

L-industrija Komunitarja

(138) L-applikazzjoni għal verifika temporanja u ta' skadenza ġiet appoġġata minn 22 produttur Komunitarju u kollha qablu li jikkooperaw fl-investigazzjoni. Ġie eżaminat jekk dawn il-produtturi li jikkooperaw jirrappreżentawx proporzjon kbir tal-produzzjoni Komunitarja totali tal-prodott ikkonċernat u nstab li huma ammontaw għal 87 % tal-produzzjoni Komunitarja totali tal-prodott ikkonċernat tul il-PIVS u l-perjodi ta' investigazzjoni ta' verifiki temporanji varji.

(139) Għalhekk ġie konkluż li t-22 produttur Komunitarju li kkooperaw u li appoġġjaw irrappreżentaw l-industrija Komunitarja fit-tifsira ta' l-Artikolu 4(1) u 5(4) tar-Regolament Bażiku. Dawn huma 'il quddiem imsejħa "l-industrija Komunitarja".

2. Is-sitwazzjoni fis-suq Komunitarju

2.1. *Il-konsum fis-suq tal-Komunità*

(140) Il-konsum Komunitarju ġie stabbilit fuq il-bażi ta'

— il-volumi tal-bejgħ tal-produtturi Komunitarji li jikkostitwixxu l-industrija Komunitarja,

— stimi tal-bejgħ tal-produtturi l-oħra fis-suq Komunitarju msejsa fuq id-data pprovduta fl-applikazzjoni, u

— Eurostat-data ta' l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-pajjiżi kkonċernati kif ukoll mill-pajjiżi terzi.

(141) Bejn l-2003 u l-PIVS, il-konsum Komunitarju żdied b'aktar minn 46 000 tunnellata, jew b'26 %, biex jilħaq volum totali ta' konsum ta' aktar minn 222 000 tunnellata tul il-PIV.

Tabella 1

	2003	2004	2005	PIVS
Il-konsum tal-Komunità (tunnellati)	176 438	195 363	214 529	222 456
L-Indiċi	100	111	122	126

2.2. *Żvilupp ta' l-importazzjonijiet u t-tnaqqis fil-prezz mir-Russja*

2.2.1. ***Volumi, sehem tas-suq u prezzijiet ta' l-importazzjonijiet mir-Russja***

(142) Il-volumi u s-sehem tas-suq ta' l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-Federazzjoni Russa żviluppati kif stipulat fit-tabella hawn isfel.

Tabella 2

	2003	2004	2005	PIVS
Volum ta' importazzjonijiet (tunnellati)	2 198	1 844	2 908	3 323
L-Indiċi	100	84	132	151
Is-sehem mis-suq	1,2 %	0,9 %	1,4 %	1,5 %
L-Indiċi	100	75	117	125

(143) Tul il-perjodu meqjus, l-importazzjonijiet mill-Federazzjoni Russa żdiedu b'51 %, minn 2 198 tunnellata fl-2003 għal 3 323 tunnellata tul il-PIVS. Safrattant, is-sehem tal-konsum Komunitarju li jikkonsisti f'importazzjonijiet, żdied minn 1,2 % għal 1,5 % jew b'25 %.

(144) L-approċċ segwit biex jikkalkula l-garanzija tal-prezz f'dan il-każ hu l-istess bħal dak deskritt fil-premessi (136) sa (140) tar-Regolament proviżorju. Il-prezz fil-fruntiera Komunitarja ċċarġjat mill-esportaturi kkonċernati tqabbel fuq bażi ta' tip b'tip mal-prezz tal-fabbrika ta' l-Industrija Komunitarja. Ir-riżultat tat-tqabbil ġie espress bħala perċentwali tal-prezz tal-fabbrika ta' l-Industrija Komunitarja.

(145) Il-livell tal-prezz iċċarġjat mill-SSM lill-klijenti bbażati fil-Komunità, probabbilment, ġie affettwat mill-garanzija aċċettata fil-kuntest tar-Regolament oriġinali. Madankollu, instab livell sinifikanti ta' tnaqqis fil-prezz ta' 49 %.

(146) Fid-dawl tas-sejbiet ta' hawn fuq, jidher li s-sehem tas-suq relattivament baxx ta' l-esportazzjonijiet Russi hu ċertament ikkaġunat mill-miżuri *anti-dumping* fis-seħħ kontra r-Russja. Minħabba l-livell tal-prezzijiet Russi u l-kobor tad-*dumping* li bħalissa qiegħed iseħħ fir-Russja, huwa probabbli ħafna li l-kapaċitajiet żejda kbar disponibbli fil-pajjiż jistgħu jintużaw faċilment biex iżidu l-esportazzjonijiet lejn is-suq Komunitarju.

2.3. *Volumi, sehem mis-suq u prezzijiet ta' l-importazzjonijiet mill-pajjiżi l-oħrajn ikkonċernati minn din il-verifika*

(147) Huwa mfakkar li fil-premessi (131) u (134), ġie konkluż li ma kienx hemm riskju ta' ripetizzjoni ta' *dumping* għall-importazzjonijiet ta' l-SWR li joriġinaw mit-Tajlandja u t-Turkija. It-tendenzi ta' l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-pajjiżi l-oħra kkonċernati minn din il-verifika ġew eżaminati wkoll. Il-volumi ta' l-importazzjoni u s-sehem tas-suq tal-pajjiżi l-oħra kkonċernati minn din il-verifika żviluppaw kif ġej:

Tabella 3

	2003	2004	2005	PIVS
It-Tajlandja				
Volum ta' importazzjonijiet (tunnellati)	368	160	86	118
Li minnhom importazzjonijiet *dumped*				0
Is-sehem tas-suq totali	0,21 %	0,08 %	0,04 %	0,05 %
It-Turkija				
Volum ta' importazzjonijiet (tunnellati)	2 248	2 223	4 246	4 805
Li minnhom importazzjonijiet *dumped*				1 089
Is-sehem tas-suq totali	1,27 %	1,11 %	1,98 %	2,16 %

(148) It-tabella turi li l-volumi ta' l-importazzjonijiet mit-Tajlandja kienu ftit ħafna tul il-perjodu kkunsidrat, b'sehem mis-suq ta' 0,1 % tul il-PIVS.

(149) L-importazzjonijiet totali mit-Turkija żdiedu minn 2 248 tunnellata għal 4 805 tunnellati mill-2003 sa l-aħħar tal-PIVS, jew b'113 %. F'termini tas-sehem tas-suq, l-importazzjonijiet kważi rduppjaw, minn 1,3 % għal 2,2 %. Madankollu, b'rabta mad-daqs globali tas-suq Komunitarju, il-volumi ta' l-importazzjonijiet mit-Turkija mhumiex kbar ħafna.

(150) Madankollu, għandu jiġi nnutat li l-produttur esportatur ewlieni fit-Turkija m'għandhux dazji fis-seħħ kontra l-esportaturi tiegħu. Dan probabbilment ippermetta lil dan il-produttur esportatur li jżid il-bejgħ tiegħu lill-UE bi prezzijiet relattivament għoljin.

(151) L-approċċ segwit biex jiġi kkalkulat it-tnaqqis fuq il-prezz f'dan il-każ hu l-istess bħal dak deskritt fil-Premessi (136) sa (140) tar-Regolament proviżorju. Il-prezz fil-fruntiera Komunitarja ċċarġjat mill-esportaturi kkonċernati tqabbel fuq bażi ta' tip b'tip mal-prezz tal-fabbrika ta' l-Industrija Komunitarja. Ir-riżultat tat-tqabbil ġie espress bħala perċentwali tal-prezz tal-fabbrika ta' l-Industrija Komunitarja.

(152) Minkejja l-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, instab tnaqqis fil-prezz ta' 24 % għall-importazzjonijiet *dumped* mit-Turkija, filwaqt li l-livell ta' tnaqqis fil-prezz għal importazzjonijiet li joriġinaw mit-Tajlandja nstab li kien madwar 1 %.

2.4. *Volumi u sehem mis-suq ta' importazzjonijiet mill-pajjiżi l-oħra kkonċernati mill-miżuri anti-dumping iżda mhux ikkonċernati minn din il-verifika*

(153) Huma mfakkar li l-miżuri *anti-dumping* huma imposti fuq ħbula u kejbils ta' l-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, l-Indja, l-Afrika t'Isfel u l-Ukraina. Dawn il-miżuri *anti-dumping* kienu fis-seħħ tul il-perjodi kkunsidrat kollu:

Tabella 4

	2003	2004	2005	PIVS
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina				
Importazzjonijiet (tunnellati)	1 545	3 374	6 581	7 560
L-Indiċi	100	218	426	489
Prezz medju (EUR/tunnellata)	1 088	1 120	1 063	947
Is-sehem mis-suq	0,9 %	1,7 %	3,1 %	3,4 %
L-Indja				
Importazzjonijiet (tunnellati)	4 218	4 832	6 551	6 108
L-Indiċi	100	115	155	145
Prezz medju (EUR/tunnellata)	902	1 036	1 130	1 123
Is-sehem mis-suq	2,3 %	2,5 %	3,1 %	2,7 %
L-Afrika t'Isfel				
Importazzjonijiet (tunnellati)	184	795	577	941
L-Indiċi	100	433	314	512
Prezz medju (EUR/tunnellata)	1 303	1 471	1 584	1 573
Is-sehem mis-suq	0,1 %	0,4 %	0,3 %	0,4 %
L-Ukraina				
Importazzjonijiet (tunnellati)	1 222	1 438	1 149	776
L-Indiċi	100	118	94	63
Prezz medju (EUR/tunnellata)	866	712	752	662
Is-sehem mis-suq	0,7 %	0,7 %	0,5 %	0,3 %
Tunnellati totali	**6 785**	**10 978**	**16 177**	**16 012**
Is-sehem mis-suq totali	3,7 %	5,6 %	7,5 %	7,2 %

(154) Ta min wieħed jinnota li l-importazzjonijiet mill-pajjiżi li għandom miżuri *anti-dumping* żdiedu b'mod sinifikanti tul il-perjodu meqjus, kemm f'termini ta' volum, b'żieda ta' 135 %, kif ukoll f'termini ta' sehem mis-suq b'żieda minn 3,7 % għal 7,2 % tul l-istess perjodu.

2.5. *Volumi u sehem mis-suq ta' importazzjonijiet mill-pajjiżi l-oħra li mhumiex ikkonċernati minn miżuri anti-dumping*

(155) L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn żviluppaw kif muri hawn isfel.

Tabella 5

	2003	2004	2005	RIP
Volumi totali (tunnellati) li minnhom:	42 486	54 983	58 843	61 271
L-Indiċi	100	129	138	144
Korea t'Isfel	22 400	32 121	34 634	36 408
L-Indiċi	100	143	155	163
Il-Malażja	4 836	4 426	5 123	6 642
L-Indiċi	100	92	106	137
Il-Korea ta' fuq	150	1 626	2 212	3 324
L-Indiċi	100	1 084	1 475	2 216

(156) L-importazzjonijiet mill-pajjiżi li mhumiex suġġetti għall-miżuri *anti-dumping* żdiedu b'madwar 19 000 tunnellata jew b'44 % tul il-perjodu meqjus. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-importazzjonijiet joriġinaw mil-Korea t'Isfel.

3. **Qagħda ekonomika ta' l-Industrija Komunitarja**

3.1. *Kummenti preliminari*

(157) Fid-dawl tan-numri l-kbar ta' produtturi Komunitarji li jikkostitwixxu l-industrija Komunitarja, ġie deċiż li jintagħżel kampjun tal-produtturi Komunitarji skond l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku, kif spjegat fil-Premessi (20) u (21) hawn fuq. Il-ħames produtturi Komunitarji li huma inklużi fil-kampjun intagħżlu peress li jirrappreżentaw l-akbar volum ta' rappreżentanti tal-produzzjoni li jistgħu jiġu investigati b'mod raġjonevoli fiż-żmien disponibbli. Jissemmew fil-Premessa (26) hawn fuq.

(158) Id-*data* tal-ħsara pprovduta hawn isfel għalhekk tissejjes kemm fuq is-sejbiet magħmula fuq livell tal-produtturi Komunitarji li ħadu sehem fil-kampjun kif ukoll fuq is-sisien tas-sejbiet magħmula fuq il-livell tat-22 produttur li jikkostitwixxu l-industrija Komunitarja. Minħabba raġunijiet ta' ċarezza, ġie ddikjarat b'mod espliċitu meta l-fatturi tad-dannu jirreferu għat-tagħrif miksub mill-kampjun. Fin-nuqqas ta' tali referenza, għandu jitqies li d-*data* nkisbet mit-22 produttur Komunitarju li jikkostitwixxu l-industrija Komunitarja.

3.2. *Produzzjoni, kapaċità ta' produzzjoni installata u rata ta' kapaċità ta' l-użu*

(159) *Tabella 6*

	2003	2004	2005	PIVS
Produzzjoni (tunnellati)	149 957	148 536	161 611	176 119
L-Indiċi	100	99	108	117
Kapaċità ta' produzzjoni installata (tunnellati)	229 066	229 654	245 343	247 833
L-Indiċi	100	100	107	108
Rata tal-kapaċità ta' l-użu	65 %	65 %	66 %	71 %
L-Indiċi	100	99	101	109

(160) Tul il-perjodu meqjus, il-produzzjoni ta' l-industrija Komunitarja kollha żdiedet b'madwar 26 000 tunnellata, jew bi 17 %. Din iż-żieda għandha titqies fid-dawl tal-konsum Komunitarju li żdied minn 46 000 tunnellata jew b'26 % u l-esportazzjonijiet li żdiedu ta' l-industrija Komunitarja tul l-istess perjodu.

(161) Din iż-żieda fil-produzzjoni pprovokat żieda ta' 8 % fil-kapaċità tal-produzzjoni, biex tilħaq kważi 248 000 tunnellata tul il-PIVS.

(162) Ir-rata ta' l-użu tal-kapaċità baqgħet relattivament stabbli tul l-ewwel snin tal-perjodu meqjus. Madankollu, tul il-PIVS, minħabba ż-żieda fil-produzzjoni, ir-rata ta' l-użu tal-kapaċità żdiedet minn madwar 65 % għal aktar minn 70 %.

3.3. *Ħażna tat-tagħrif miġbur mill-kampjun*

Tabella 7

	2003	2004	2005	PIVS
Ħażna (tunnellati)	11 565	10 236	11 465	12 652
L-Indiċi	100	89	99	109
Ħażna bħala % tal-bejgħ globali	20 %	17 %	18 %	18 %

(163) Il-livell tal-ħażna baqa' relattivament stabbli tul il-perjodu meqjus, speċjalment b'rigward għall-bejgħ.

3.4. *Volumi tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-konsum u t-tkabbir Komunitarju*

Tabella 8

	2003	2004	2005	PIVS
Volum ta' bejgħ (tunnellati)	107 032	106 542	112 687	116 625
L-Indiċi	100	100	105	109
Sehem mis-suq tal-konsum Komunitarju	60,7 %	54,5 %	52,5 %	52,4 %
L-Indiċi	100	90	87	86
Tkabbir tal-fatturat tal-bejgħ (eluf ta' EUR)	217 912	230 267	262 495	297 009
L-Indiċi	100	106	120	136

(164) Il-volumi tal-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja fis-suq Komunitarju baqgħu relattivament stabbli f'termini assoluti tul il-perjodu meqjus. Ġiet innutata żieda ta' 9 % fil-volumi tal-bejgħ tul il-PIVS iżda dan ir-rendiment għandu jidher fid-dawl ta' l-iżvilupp tal-konsum Komunitarju li żdied b'26 %.

(165) Fid-dawl ta' l-iżvilupp tal-konsum Komunitarju u minkejja ż-żieda fil-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq ta' l-industrija Komunitarja naqas konsiderevolment tul il-perjodu meqjus. L-industrija Komunitarja tilfet aktar minn 8 punti ta' perċentwali mis-suq tal-konsum Komunitarju tul dak il-perjodu.

(166) Il-prezzijiet tal-bejgħ globali fl-industrija tal-Komunità żdiedu b'36 % waqt il-perjodu kkunsidrat. Dan għandu jidher b'mod partikolari fid-dawl ta' prezzijiet tal-bejgħ miżjuda għal kull tunnellata, li jirrefletti b'mod ewlieni kostijiet u prezzijiet tax-xiri oġħla tal-materja prima.

3.5. *Prezzijiet tal-bejgħ u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet Komunitarji — tagħrif miġbur mill-kampjun*

Tabella 9

	2003	2004	2005	PIVS
Prezz tal-bejgħ medju (EUR/tunnellata)	1 902	2 058	2 170	2 142
L-Indiċi	100	108	114	113
Kost medju tal-materja prima (vireg tal-wajer) (EUR/tunnellata)	511	559	662	734
L-Indiċi	100	109	129	143

(167) Il-prezz medju tal-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja fis-suq Komunitarju żdied b'EUR 240/tunnellata, jew bi 13 % tul il-perjodu meqjus. L-investigazzjoni wriet li dan kien ovvjament riflessjoni taż-żieda tal-prezzijiet tal-materja prima, b'mod partikolari tal-vireg tal-wajer ta' l-azzar. Il-kost tal-vireg tal-wajer mixtrija żdied b'EUR 223/tunnellata tul il-perjodu meqjus, jew b'43 % meta mqabbel mal-kost fil-bidu tal-perjodu meqjus.

(168) Wieħed mill-produtturi inklużi fid-definizzjoni ta' l-industrija Komunitarja nstab li xtara materja prima, li tinkludi vireg tal-wajer, minn partijiet relatati ("gruppi ta' l-azzar integrati vertikalment"). Għalhekk ġie eżaminat jekk il-prezzijiet mill-forniturі relatati lill-produtturi Komunitarji kinux skond dawk iċċarġjati mill-fornitur relatat għall-klijenti indipendenti. Instab li l-prezzijiet iċċarġjati lill-produtturi Komunitarji kienu skond il-prezzijiet għall-klijenti indipendenti u li din iż-żieda kienet tirrefletti wkoll iż-żieda ġenerali tal-prezzijiet ta' l-azzar tul il-perjodu meqjus. Għalhekk, ġie konkluż li l-ispejjeż medji tal-materja prima mixtrija mill-produtturi Komunitarji li kienu integrati vertikalment għandhom jiġu inklużi wkoll fil-kalkoli.

3.6. *Impjieg u Pagi — tagħrif miġbur mill-kampjun*

Tabella 10

	2003	2004	2005	PIVS
L-impjegati	1 023	999	1 064	1 087
L-Indiċi	100	98	104	106
Pagi/impjegati (EUR)	33 943	36 674	37 987	38 348
L-Indiċi	100	108	112	113
Pagi għal kull tunnellata prodotta	606	634	614	592
L-Indiċi	100	105	101	98

(169) Fid-dawl tal-produzzjoni miżjuda u l-volum tal-bejgħ imniżżel hawn fuq, l-industrija Komunitarja żiedet in-numru ta' impjegati b'6 % tul il-perjodu meqjus.

(170) Il-pagi għal kull impjegat żdiedu wkoll tul il-perjodu meqjus, flimkien maż-żieda ġenerali fil-pagi tul dan il-perjodu. Madankollu, instab li l-kost medju tal-pagi għal kull tunnellata għandha tonqos kemmxejn tul il-perjodu meqjus.

3.7. *Produttività — tagħrif miġbur mill-kampjun*

Tabella 11

	2003	2004	2005	PIVS
Tunnellata prodotta/impjegat	56	58	62	65
L-Indiċi	100	103	110	116

(171) Il-livell tal-produttività osservat għall-industrija Komunitarja żdied b'mod konsiderevoli tul il-perjodu meqjus. Dan juri li l-industrija hi kapaċi taddatta lilha nfisha għall-qagħda fis-suq Komunitarju.

3.8. *Il-kobor tal-marġini attwali tad-dumping u l-irkupru mill-effetti tad-dumping ta' l-imgħoddi*

(172) Għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-impatt fuq l-industrija Komunitarja tal-kobor tal-marġini ta' *dumping* attwali, fid-dawl tal-volum u l-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati, dan l-impatt ma jistax jitqies bħala negliġibbli.

3.9. *Profittabbiltà, qligħ mill-investiment u likwidità — tagħrif miġbur mill-kampjun*

Tabella 12

	2003	2004	2005	PIVS
Qligħ fuq il-bejgħ Komunitarju	– 0,1 %	+ 0,4 %	+ 4,6 %	+ 5,3 %
Dħul fuq l-assi kollha	– 18,8 %	+ 14,1 %	+ 26 %	+ 24,4 %
Likwidità (% tal-bejgħ totali)	+ 0,1 %	+ 1,2 %	+ 4,3 %	+ 6,2 %

(173) Minħabba l-iżvilupp pożittiv tal-profittabbiltà tul il-perjodu meqjus, il-likwidità u l-qligħ fuq l-assi wrew tendenzi pożittivi tul dak il-perjodu. Minn telfien żgħir fl-2003, l-industrija Komunitarja setgħet iżżid bil-mod iżda b'mod stabbli l-qligħ tagħha, kemm b'rigward għall-bejgħ u kemm b'rigward għall-assi tagħha. Dan ir-rendiment hu probabbilment ikkawżat minħabba t-titjib qawwi fil-produttività.

(174) Madankollu, hu mfakkar li din il-qagħda tista' tinbidel malajr minħabba l-livelli tal-prezz għoljin ta' l-azzar prevalenti fis-suq, iżda speċjalment jekk il-miżuri *anti-dumping* jiġu permessi jiskadu u l-volumi kbar ta' importazzjonijiet *dumped* jiġu permessi jidħlu fis-suq.

Tabella 13

	2003	2004	2005	PIVS
L-investimenti	46 570	43 158	51 362	56 538
L-Indiċi	100	93	110	121

3.10. *Investiment u ħila biex jiżdied il-kapital — tagħrif miġbur mill-kampjun*

(175) Il-livell ta' l-investimenti osservat fuq livell tal-kumpaniji fil-kampjun żdied bi 21 % tul il-perjodu meqjus u għandu jidher fid-dawl ta' żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni.

(176) L-ebda mill-produtturi Komunitarji ma rrapporta problemi speċifiċi b'rigward għall-ħila tagħhom biex iżidu l-kapital.

3.11. *Konklużjoni dwar is-sitwazzjoni ekonomika ta' l-industrija Komunitarja*

(177) L-investigazzjoni wriet li mindu saret l-impożizzjoni tal-miżuri *anti-dumping* fuq l-SWR, l-industrija Komunitarja rnexxielha ttejjeb il-qagħda ekonomika tagħha. Bosta fatturi ta' ħsara bħall-volum tal-bejgħ, il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-produttività jistgħu jiżdiedu. Dan ir-rendiment intlaħaq f'suq li qed jikber u jissaħħaħ hekk kif il-konsum żdied bi 26 % tul il-perjodu meqjus.

(178) Madankollu l-fatt li l-industrija Komunitarja tilfet sehem mis-suq madankollu jindika li ma setgħetx tgawdi bis-sħiħ minn din il-qagħda pożittiva tas-suq Komunitarju.

(179) L-investigazzjoni wriet ukoll li l-industrija Komunitarja setgħet ittejjeb il-qagħda finanzjarja globali tagħha. Iż-żieda ta' 13 % fil-prezzijiet tal-bejgħ tul il-PIVS ippermettiet lill-industrija li jkollha aktar qligħ minkejja ż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima. Għaldaqstant il-qligħ fuq l-assi u l-likwidità tjiebu wkoll tul il-perjodu meqjus. Għalhekk ġie konkluż li, għalkemm is-sitwazzjoni ta' l-industrija Komunitarja tjiebet, meta mqabbla mal-perjodu ta' qabel l-impożizzjoni tal-miżuri, din għadha fraġli.

4. **Attivitajiet ta' esportazzjoni ta' l-Industrija Komunitarja — tagħrif miġbur mill-kampjun**

Tabella 14

	2003	2004	2005	PIVS
Bejgħ ta' l-esportazzjoni (tunnellati)	8 475	11 870	10 618	13 374
L-Indiċi	100	140	125	157
% tal-bejgħ totali	15 %	21 %	19 %	22 %
Prezz medju (EUR/tunnellata)	2 123	2 302	2 835	3 063
L-Indiċi	100	108	134	144

(180) Ir-rendiment ta' l-esportazzjoni mill-industrija Komunitarja fil-kampjun tjieb konsiderevolment tul il-perjodu meqjus. Il-bejgħ fuq l-esportazzjoni żdied bi 57 % tul il-perjodu meqjus. Kif ukoll bħala proporzjon tal-bejgħ globali tagħha, il-bejgħ ta' l-esportazzjoni żdied minn 15 % sa 22 %.

(181) Il-prezz medju għal kull tunnellata għall-bejgħ ta' l-esportazzjoni hu konsiderevolment ogħla mill-prezz medju għall-bejgħ fis-suq Komunitarju (ara l-premessa (167)). Il-prezzijiet ogħla ta' l-SWR esportati huwa peress li huma prodotti aktar sofistikati, li kienet il-kawża ta' kostijiet ogħla tal-materja prima u l-kostijiet ogħla tal-manifattura. Minkejja l-kost ogħla tal-produzzjoni, ir-rendiment ta' l-esportazzjoni ta' l-industrija Komunitarja kkontribwixxa b'mod sinifikanti għal profitabbiltà ġenerali għall-industrija Komunitarja.

5. **Konklużjoni dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza tal-ħsara**

(182) L-investigazzjoni wriet li l-kapaċitajiet żejda disponibbli Russi huma sinifikanti u jidher li ma hemm l-ebda raġuni għall-ixkiel ta' l-attivazzjoni ta' tali kapaċitajiet jekk il-miżuri jiskadu. Barra minn hekk, il-produtturi Russi probabbli jmexxu ammont sostanzjali tal-bejgħ attwali tagħhom 'l bogħod mis-swieq terzi u fil-Komunità minħabba l-prezzijiet prevalenti ogħla hemmhekk. Flimkien, dawn il-kwantitajiet ikunu sostanzjali — proċess imħaffef mill-eżistenza ta' kanali ta' distribuzzjoni stabbiliti sew fil-Komunità għall-esportazzjonijiet Russi.

(183) Barra minn hekk, il-livelli sinifikanti tad-*dumping* u ta' tnaqqis fil-prezz osservati, il-fatt li l-impenji jidhru li jaġixxu bħala limitu għall-prezz, kif ukoll il-livell baxx ta' prezzijiet mitluba għall-esportazzjonijiet Russi lejn pajjiżi terzi oħra, jindikaw li l-volumi ta' l-esportazzjonijiet sostanzjalment ogħla lejn il-Komunità kif imsemmi hawn fuq isiru bi prezzijiet *dumped* li jkunu sinifikament oħos mill-prezzijiet u l-kostijiet ta' l-industrija Komunitarja.

(184) L-effett konġunt ta' tali volumi u prezzijiet probabbli li jwassal għal deterjorazzjoni sinifikanti tal-qagħda ta' l-industrija Komunitarja, li l-qagħda tagħha għadha fraġli. Jekk ir-rispons ta' l-industrija Komunitarja għal dan kien tnaqqis fil-bejgħ (u b'hekk tal-produzzjoni), jew tnaqqis fil-prezzijiet, jew it-tnejn, id-deterjorazzjoni finanzjarja tkun sostanzjali, u titfa' lill-industrija lura għad-diffikultajiet osservati qabel l-impożizzjoni tal-miżuri oriġinali.

(185) Fuq din il-bażi, ġie konkluż, li hemm probabbiltà kbira ta' rikorrenza ta' *dumping* dannuż jekk il-miżuri *anti-dumping* fuq l-importazzjonijiet ta' l-SWR li joriġinaw fil-Federazzjoni Russa jiġu permessi jiskadu.

F. L-INTERESS TAL-KOMUNITÀ

1. Rimarki preliminari

(186) Skond l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri *anti-dumping* eżistenti tmurx kontra l-interess tal-Komunità b'mod ġenerali. Id-determinazzjoni ta' l-interess Komunitarju ssejset fuq stima ta' l-interessi diversi kollha involuti. Din l-investigazzjoni tanalizza sitwazzjoni fejn il-miżuri *anti-dumping* kienu diġà fis-seħħ u tippermetti għal stima ta' kwalunkwe impatt negattiv fuq il-partijiet ikkonċernati minħabba l-miżuri *anti-dumping* attwali.

(187) Fuq din il-bażi, ġie eżaminat jekk, minkejja l-konklużjonijiet dwar il-probabbiltà ta' tkomplija jew rikorrenza ta' *dumping* li jagħmel il-ħsara, kienx hemm raġunijiet kompulsivi li jwasslu għall-konklużjoni li mhuwiex fl-interess tal-Komunità li jinżammu l-miżuri f'dan il-każ partikolari.

2. L-interess ta' l-industrija Komunitarja

(188) Kif deskritt hawn fuq, hemm probabbiltà ċara ta' rikorrenza ta' *dumping* dannuż jekk il-miżuri applikabbli għall-esportaturi Russi jiġu rrevokati.

(189) Huwa mfakkar li mhux inqas minn 22 produttur fil-Komunità, li jirrappreżentaw madwar 87 % tal-produzzjoni globali ta' l-SWR fil-Komunità, ikkooperaw mal-Kummissjoni fl-investigazzjoni u esprimew l-appoġġ tagħhom għall-miżuri li għaddejjin.

(190) Il-kontinwazzjoni tal-miżuri *anti-dumping* fuq l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati ttejjeb il-possibbiltà għall-industrija Komunitarja li żżomm u saħansitra ssaħħaħ il-qagħda attwali tagħha. Hemm probabbiltà ċara ta' rikorrenza tad-*dumping* dannuż f'volumi sostanzjali li mhux probabbli li l-industrija Komunitarja tista' tiflaħ għalihom. L-industrija Komunitarja għalhekk tkompli tibbenefika miż-żamma tal-miżuri *anti-dumping* attwali, b'mod partikolari peress li hemm miżuri wkoll kontra l-importazzjonijiet tal-ħbula u l-kejbils ta' l-azzar fil-PRC, l-Indja, l-Afrika t'Isfel u l-Ukraina.

3. L-interess ta' l-importaturi

(191) Fir-Regolament proviżorju (Premessa (202)), ġie spjegat li d-distribuzzjoni ta' l-SWR fil-Komunità kienet ikkaratterizzata mill-eżistenza ta' numru sinifikanti ta' importaturi/negozjanti. Madankollu, għalkemm l-applikazzjoni għal din il-verifika ta' skadenza kien fiha lista ta' 32 importatur/negozjant, li ġew ikuntattjati kollha, kienu biss tliet importaturi li kkooperaw fl-investigazzjoni, li minnhom importatur instab li jimporta l-prodott ikkonċernat.

(192) L-attività ewlenija ta' dan l-importatur ġiet tabilħaqq iffokata fuq l-SWR (bejn il-55 % u l-85 %), u nstab li r-rendiment finanzjarju tiegħu ma ġiex affettwat serjament mill-miżuri fis-seħħ.

4. L-interess tal-forniturі

(193) Kif spjegat f'aktar dettall fil-Premessi (197) sa (198) fir-Regolament proviżorju, il-materja prima prinċipali użata fil-produzzjoni ta' l-SWR kienet wajer ta' l-azzar industrijali li hu magħmul minn virga tal-wajer ta' l-azzar.

(194) Xi produtturi Komunitarji ta' l-SWR instabu li kienu integrati vertikalment, jiġifieri li kellhom forniturі relatati tal-wajers ta' l-azzar industrijali. Filwaqt li 2 forniturі relatati wieġbu għall-mistoqsijiet rigward il-prezzijiet tal-materja prima (ara l-Premessa (168)) hawn fuq, l-ebda fornitur mhux relatat tal-materja prima ma ppreżenta ruħu.

(195) Jekk il-forniturі tal-materja prima ta' l-industrija Komunitarja huma relatati jew mhux relatati, jidher ċar li dawn il-forniturі Komunitarji se jsofru b'mod sinifikanti jekk il-miżuri jitħallew jiskadu u, għaldaqstant, il-volumi tal-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja jonqsu. Għalhekk, jista' jiġi konkluż b'mod ċar li ż-żamma tal-miżuri *anti-dumping* ikun fl-interess tal-forniturі Komunitarji tal-materja prima.

5. L-interess ta' l-utenti

(196) Il-Kummissjoni kkuntattjat direttament 21 utent ta' l-SWR fil-Komunità iżda l-ebda utent ma ppreżenta ruħu jew ikkoopera fl-investigazzjoni.

(197) Fuq din il-bażi, tqies li l-utenti ma kellhom l-ebda raġuni konvinċenti kontra ż-żamma tal-miżuri *anti-dumping*.

6. **Konklużjoni dwar l-interess Komunitarju**

(198) B'kunsiderazzjoni għal dak li ntqal hawn fuq, il-konklużjoni hi li m hemmx raġunijiet konvinċenti kontra ż-żamma tal-miżuri *anti-dumping* attwali.

G. **GARANZIJI**

(199) Kif stipulat fil-premessa (2) hawn fuq, il-Kummissjoni aċċettat l-offerta ta' garanzija ta' l-SSM bid-Deċiżjoni tagħha Nru 2001/602/KE fis-26 ta' Lulju 2001. Il-verifika temporanja kixfet li mindu ġiet aċċettata l-garanzija fl-2001, il-firxa tal-prodott ta' l-SSM inbidlet b'mod sinifikanti.

(200) Il-garanzija kklassifikat l-SWR prodotti minnhom f'għadd konsiderevoli ta' tipi ta' prodotti b'varjazzjonijiet sinifikanti fil-prezz għal kull tip. L-investigazzjoni ta' verifika kkonfermat li l-kumpanija kellha problemi serji biex tikklassifika t-tipi ta' prodotti differenti kif xieraq u skond it-termini tal-garanzija. Dan ġara parzjalment minħabba l-limitazzjonijiet tas-sistema ta' kontabbiltà li ma ħallithomx jiddistingwu kif xieraq bejn it-tipi ta' prodotti SWR differenti. Diġà kienu ġew identifikati problemi simili tul il-monitoraġġ tal-garanzija li wassal għal ittra ta' twissija.

(201) Għalhekk ġie konkluż li l-garanzija kif inhi bħalissa mhijiex vijabbli u għandha tiġi rtirata b'deċiżjoni tal-Kummissjoni.

(202) Iż-żewġ esportaturi Russi offrew garanzija fi ħdan id-data ta' l-għeluq wara notifika tal-konklużjonijiet definittivi, iżda l-ebda wieħed minnhom ma offra garanzija aċċettabbli fi żmien il-limitu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament bażiku, jiġifieri garanzija li tirrifletti s-sejbiet tal-verifiki u li tissepara l-prodotti differenti f'kategoriji li jkunu vijabbli u li jkollhom varjazzjonijiet fil-prezz limitati.

(203) Peress li l-kwistjonijiet rigward l-irtirar tal-garanzija inkixfu fi stadju tard tal-proċediment, iż-żewġ esportaturi Russi għandhom eċċezjonalment jitħallew ikomplu l-garanzija tagħhom lil hinn mid-dati ta' għeluq normali iżda fi żmien għaxart ijiem kalendarji mid-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Jekk meħtieġ, il-Kummissjoni għandha titħalla tipproponi emenda għal dan ir-Regolament kif xieraq.

H. **DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

(204) Il-partijiet kollha ġew infurmati bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom ġie maħsub li jiġi rrakkomandat li l-miżuri eżistenti fuq l-importazzjonijiet mir-Russja jinżammu u li l-livell tal-miżuri jiġi emendat fejn hu ġustifikat. L-ebda kummenti ma ġew riċevuti li kienu tat-tip li jbiddlu l-konklużjonijiet ta' fuq.

(205) Minn dak li ntqal hawn fuq jirriżulta, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, li l-miżuri *anti-dumping* applikabbli għall-importazzjonijiet ta' l-SWR, li joriġinaw mill-pajjiżi kkonċernati għandhom jinżammu għar-Russja u jiġu rrevokati għat-Turkija u t-Tajlandja.

I. **DAZJI**

(206) Fid-dawl tal-konklużjonijiet li ntlaħqu rigward il-kontinwazzjoni tad-*dumping*, il-probabbiltà ta' rikorrenza tal-ħsara u l-interess Komunitarju, il-miżuri *anti-dumping* fuq l-importazzjonijiet ta' l-SWR li joriġinaw mir-Russja għandhom jiġu kkonfermati sabiex jipprevjenu r-rikorrenza li ssir ħsara lill-industrija Komunitarja minħabba l-importazzjonijiet *dumped*.

(207) B'rigward għas-sejbiet tal-verifiki temporanji li jikkonċernaw iż-żewġ kumpaniji Russi, hu meqjus xieraq li d-dażju *anti-dumping* applikabbli għall-BMK jiġi emendat għal 36,2 % u għall-SSM għal 9,7 %.

(208) Madankollu, fid-dawl tas-sejbiet fir-rigward tat-Turkija, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe indikazzjonijiet ta' riskju remot ta' rikorrenza ta' *dumping* fil-ġejjieni, il-miżuri kontra l-importazzjonijiet ta' l-SWR li joriġinaw f'dan il-pajjiż għandhom jiġu rrevokati.

(209) Barra minn hekk, fid-dawl tas-sejbiet fir-rigward tat-Tajlandja, jiġifieri n-nuqqas ta' *dumping* tul il-perjodu temporanju tat-Tajlandja u n-nuqqas ta' kwalunkwe indikazzjonijiet ta' riskju ta' rikorrenza fil-ġejjieni, il-miżuri *anti-dumping* kontra l-importazzjonijiet ta' l-SWR li joriġinaw f'dan il-pajjiż għandhom jiġu rrevokati wkoll.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Għalhekk, dazju *anti-dumping* definittiv huma impost fuq l-importazzjonijiet tal-ħbula u l-kejbils tal-ħadid jew ta' l-azzar li jinkludu l-ħbula bil-koljatura maqfula għajr ħbula u kejbils ta' l-azzar li ma jissaddadx li għandhom daqs massimu ta' wisa' trasversali li tiskorri t-3 mm, kemm bit-tagħmir magħhom kif ukoll le, li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 7312 10 81, ex 7312 10 83, ex 7312 10 85, ex 7312 10 89 u ex 7312 10 98 (Kodiċi TARIC 7312 10 81 11, 7312 10 81 12, 7312 10 81 19, 7312 10 81 90, 7312 10 83 11, 7312 10 83 12, 7312 10 83 19, 7312 10 83 90, 7312 10 85 11, 7312 10 85 12, 7312 10 85 19, 7312 10 85 90, 7312 10 89 11, 7312 10 89 12, 7312 10 89 19, 7312 10 89 90, 7312 10 98 11, 7312 10 98 12, 7312 10 98 19 u 7312 10 98 90), li joriġinaw mill-Federazzjoni Russa.

2. Ir-rata tad-dazju *anti-dumping* definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera Komunitarja, qabel id-dazju, tal-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u prodotti mill-kumpaniji mniżżla hawn taħt għandha tkun kif ġej:

Il-kumpanija	Rata ta' dazju (%)	Kodiċi TARIC addizzjonali
Joint Stock Company Beloretsk Iron & Steel Works 1 Blukhera Street, Beloretsk, Republic of Bashkortostan, 453500, ir-Russja	36,2	A694
Closed Joint Stock Company Severstal-Metiz 162600 l. 50-letiya Oktyabrya 1/33, Cherepovets, Vologda Region, Russia	9,7	A217
Il-kumpaniji l-oħra kollha	50,7	A999

3. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar id-dazji tad-dwana li huma fis-seħħ.

Artikolu 2

Il-proċeduri *anti-dumping* li jikkonċernaw l-importazzjonijiet tal-ħbula u l-kejbils tal-ħadid u ta' l-azzar li jinkludu l-ħbula bil-koljatura maqfula għajr ħbula u kejbils ta' l-azzar li għandhom daqs massimu ta' wisa' trasversali li tiskorri t-3 mm kemm bit-tagħmir magħhom kif ukoll le, li jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 7312 10 81, ex 7312 10 83, ex 7312 10 85, ex 7312 10 89 u ex 7312 10 98 li joriġinaw mit-Tajlandja u mit-Turkija hawnhekk intemmew u l-miżuri *anti-dumping* imposti fuq dawn il-pajjiżi permezz tar-Regolament (KE) Nru 1601/2001 huma rrevokati.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 30 ta' Ottubru 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

F. NUNES CORREIA